KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TANCHEV
ippreżentati fil-15 ta' Lulju 2021 [1]

Kawżi magħquda C-167/19 P u C-171/19 P

Il-Kummissjoni Ewropea
vs
Freistaat Bayern (C-167/19 P)
Interessengemeinschaft privater Milchverarbeiter Bayerns e V,
Genossenschaftsverband Bayern e V,

Verband der Bayerischen Privaten Milchwirtschaft e V (C-171/19 P)

"Appell – Għajnuna mill-Istat – Għajnuna għas-settur tal-ħalib ta' Bayern – Finanzjament tat-testijiet tal-kwalità tal-ħalib – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern – Deċiżjoni tal-ftuħ – Obbligi tal-Kummissjoni – Drittijiet tal-Istat Membru kkonċernat – Drittijiet tal-partijiet interessati li jkunu involuti fil-proċedura amministrattiva – Ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali"

1. Permezz ta' dawn iż-żewġ appelli, il-Kummissjoni Ewropea titlob l-annullament tas-sentenzi tal-Qorti Ġenerali fil-kawżi Freistaat Bayern [2] vs Il-Kummissjoni u Interessengemeinschaft privater Milchverarbeiter Bayerns *et* vs Il-Kummissjoni [3]. F'dawk is-sentenzi, il-Qorti Ġenerali laqgħet ir-rikorsi ta' Freistaat Bayern (il-Land ta' Bayern; "it-territorju ta' Bayern") u ta' Interessengemeinschaft privater Milchverarbeiter Bayerns *et* (iktar 'il quddiem il-"grupp ta' interess"), li kienu qegħdin jitolbu l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2432 [4].

I. Il-kuntest tat-tilwimiet

2. Il-kuntest tat-tilwimiet huwa deskritt fil-punti 1 sa 21 tal-ewwel sentenza appellata u fil-punti 1 sa 20 tat-tieni sentenza appellata. Sejjer nillimita ruħi għall-indikazzjoni tal-elementi segwenti.

3. Fil-Ġermanja, il-kwalità tal-ħalib hija tradizzjonalment żgurata permezz ta' testijiet tal-kwalità indipendenti. Dawk it-testijiet tal-kwalità huma ffinanzjati, f'Bayern (il-Ġermanja), fl-ewwel lok, minn riżorsi li jinkisbu mit-taxxa fuq il-ħalib imposta fuq ix-xerrejja ta' ħalib u, fit-tieni lok, permezz tal-baġit ġenerali tal-Land ta' Bayern, il-Ġermanja, wieħed mill-konvenuti f'dawn l-appelli.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Sentenza tat-12 ta' Diċembru 2018 (T-683/15, EU:T:2018:916; l-"ewwel sentenza appellata").

[3] Sentenza tat-12 ta' Diċembru 2018 (T-722/15 sa T-724/15, mhux ippubblikata, EU:T:2018:920; it-"tieni sentenza appellata").

[4] Deċiżjoni tat-18 ta' Settembru 2015 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.35484 (2013/C) (ex SA.35484 (2012/NN)) mogħtija mill-Ġermanja għal testijiet tal-kwalità tal-ħalib skont il-Liġi dwar il-Ħalib u x-Xaħam (ĠU 2015, L 334, p. 23; id-"deċiżjoni kontenzjuża").

4. Permezz tal-ittra tas-17 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni informat lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja bid-deċiżjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura msemmija fl-Artikolu 108(2) TFUE (id-"deċiżjoni tal-ftuħ"). Din id-deċiżjoni tirrigwarda diversi miżuri implimentati f'diversi Länder Ġermaniżi skont il-Gesetz über den Verkehr mit Milch, Milcherzeugnissen und Fetten (il-Liġi Federali Ġermaniża dwar il-Ħalib u x-Xaħam)[5] insostenn tas-settur tal-ħalib, inkluża l-għajnuna msemmija fid-deċiżjoni kontenzjuża. F'dak li jirrigwarda din l-għajnuna, il-Kummissjoni, minn naħa, semmiet, fil-punt 2.5 tad-deċiżjoni tal-ftuħ, iddedikat għall-finanzjament tal-miżuri eżaminati, l-Artikolu 22 tal-MFG, li jirrigwarda t-taxxa fuq il-ħalib. Min-naħa l-oħra, fil-premessa 264 ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni indikat li l-miżuri li kienu qegħdin jiġu evalwati kienu ffinanzjati permezz ta' taxxa parafiskali, b'riferiment għall-istess dispożizzjoni tal-MFG.

5. Il-Kummissjoni kkonstatat il-kompatibbiltà tal-għajnuna inkwistjoni mas-suq intern għall-perijodu mit-28 ta' Novembru 2001 sal-31 ta' Diċembru 2006, filwaqt li kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern mill-1 ta' Jannar 2007.

6. Permezz ta' ittra ddatata l-20 ta' Settembru 2013, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssottomettiet l-osservazzjonijiet tagħha dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ. Il-Kummissjoni rċeviet seba' sottomissjonijiet ta' osservazzjonijiet min-naħa tal-partijiet interessati li huma relatati mal-miżuri li jirrigwardaw it-testijiet tal-kwalità tal-ħalib koperti mid-deċiżjoni kontenzjuża. L-osservazzjonijiet li ġew irċevuti ntbagħtu lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li mbagħad adottat pożizzjoni fuq osservazzjonijiet supplimentari ppreżentati fit-8 ta' Lulju 2014.

7. Fit-18 ta' Settembru 2015, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kontenzjuża. Id-deċiżjoni tikkonċerna esklużivament il-finanzjament tat-testijiet tal-kwalità tal-ħalib li twettqu mill-1 ta' Jannar 2007 f'Baden-Württemberg (il-Ġermanja) u f'Bayern.

8. Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni vverifikat jekk ir-riżorsi li nkisbu mit-taxxa fuq il-ħalib kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Barra minn hekk, il-punti 1 sa 6 tal-Artikolu 22(2) tal-MFG jiddefinixxu l-għanijiet li għalihom setgħu jintużaw ir-riżorsi li jinkisbu mit-taxxa fuq il-ħalib. Konsegwentement, il-Kummissjoni kkunsidrat li d-dħul li jkun inkiseb mit-taxxa fuq il-ħalib kellu jiġi kkunsidrat li huwa taħt kontroll pubbliku u li l-miżuri ffinanzjati mir-riżorsi li jkunu nkisbu mit-taxxa fuq il-ħalib kienu implimentati permezz ta' riżorsi tal-Istat u setgħu jiġu attribwiti lill-Istat.

9. Fit-tieni lok, il-Kummissjoni kkonstatat li l-imħaleb ta' Bayern ibbenefikaw minn vantaġġ selettiv permezz tar-rimbors, mir-riżorsi li nkisbu mit-taxxa u mill-baġit ġenerali tal-Land ta' Bayern, tal-ispejjeż għat-testijiet tal-kwalità tal-ħalib li kellhom jagħmlu. Il-Kummissjoni qieset li dawn it-testijiet tal-kwalità tal-ħalib kienu jibbenefikaw, fl-aħħar mill-aħħar, lill-imħaleb, peress li dawn tal-aħħar kienu obbligati bil-liġi li jwettqu l-analiżi tal-ħalib li jkun ġie kkunsinnat lilhom. L-imħaleb kienu jikkostitwixxu impriżi fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE u l-ispejjeż marbuta mal-ħlas lil organu ta' analiżi għall-finijiet tat-testijiet tal-kwalità tal-ħalib kellhom jitqiesu li huma spejjeż operattivi tipiċi li l-impriżi kkonċernati, jiġifieri l-imħaleb, normalment ikollhom iġarrbu huma stess[6]. Barra minn hekk, skont il-Kummissjoni, kwalunkwe vantaġġ possibbli ngħata biss lil "ċerti impriżi", peress li fil-Ġermanja kienu jeżistu ħafna setturi ekonomiċi oħrajn, minbarra s-settur tal-ħalib, li ma jibbenefikawx mill-miżuri inkwistjoni. Il-vantaġġ possibbilment mogħti kien konsegwentement selettiv. Barra minn hekk, f'Länder oħrajn minbarra

[5] BGBl. 1952 I, p. 811; il-"MFG".

[6] Ara, fir-rigward ta' kawża parallela ta' testijiet għall-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli tal-annimali tal-ifrat, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-270/15 P, EU:C:2016:489).

l-Baden-Württemberg u l-Bayern, l-imħaleb ma kinux irrimborsati għall-ammonti tal-ispejjeż tal-analiżi mir-riżorsi li jinkisbu mit-taxxa fuq il-ħalib. Fl-aħħar nett, fil-premessa 145 tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li l-miżura kienet ukoll iffinanzjata mill-baġit ġenerali tal-Land ta' Bayern. Konsegwentement, fl-opinjoni tagħha, il-benefiċċju li l-imħaleb ingħataw mill-ħlas tat-testijiet tal-kwalità tal-ħalib ma kienx jikkorrispondi neċessarjament għal dak li huma kienu ħallsu bħala taxxa fuq il-ħalib. Hija ttrasponiet dik il-konstatazzjoni għall-finanzjament irċevut mill-baġit ġenerali tal-Land ta' Bayern.

10. Fit-tielet lok, dwar il-preżenza ta' għajnuna eżistenti, il-Kummissjoni kkonstatat li, minbarra l-MFG li ma kinitx tistabbilixxi l-iskema ta' għajnuna kkonċernata, l-awtoritajiet Ġermaniżi ma ppreżentaw l-ebda informazzjoni li turi l-eżistenza ta' bażi legali adottata qabel l-1958 u li għad kellha tiġi applikata, bil-kontenut inizjali tagħha, matul il-perijodu eżaminat.

11. Fir-raba' u fl-aħħar lok, il-Kummissjoni kkonstatat li l-għajnuna intiża għall-kontrolli ta' rutina tal-ħalib ma kinitx tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 109 tal-Linji Gwida tal-Komunità dwar l-għajnuniet mill-Istat fis-settur agrikolu u forestali 2007-2013 (ĠU 2006, C 319, p. 1), moqrija flimkien mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006[7], li għalih jagħmel riferiment il-punt 109.

12. F'dawk iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni ddeċidiet, fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kontenzjuża, li l-għajnuna mogħtija mill-1 ta' Jannar 2007 f'Bayern kienet illegali u inkompatibbli mas-suq intern. Fl-Artikoli 2 sa 4 ta' dik id-deċiżjoni, il-Kummissjoni ordnat l-irkupru tal-għajnuna u ppreskriviet il-modalitajiet tagħha.

II. Il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenzi appellati

13. Fis-26 ta' Novembru 2015 u fl-4 ta' Diċembru 2015, il-Land ta' Bayern u l-grupp ta' interess ippreżentaw rikorsi għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni kontenzjuża.

14. B'mod partikolari, fl-ewwel motiv tal-Land ta' Bayern u tal-grupp ta' interess ġie allegat ksur tal-Artikolu 108(2) TFUE u tal-Artikoli 6(1) u 20(1) tar-Regolament Nru 659/1999[8].

15. Fit-tieni motiv tal-grupp ta' interess ġie allegat ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE sa fejn ir-riżorsi mit-taxxa fuq il-ħalib kienu kkunsidrati li jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat.

16. Fis-sentenzi appellati, dwar l-ewwel motiv tar-rikorrenti, l-ewwel, il-Qorti Ġenerali nnotat li, skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 659/1999, id-deċiżjoni tal-ftuħ għandha tiġbor fil-qosor il-punti rilevanti ta' fatt u ta' dritt, inkluża evalwazzjoni preliminari tal-Kummissjoni u tindika r-raġunijiet li jqiegħdu fid-dubju l-kompatibbiltà tal-miżura mas-suq intern, mingħajr ma tirrendi mingħajr skop id-dritt tal-partijiet ikkonċernati li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom.

17. It-tieni, il-Qorti Ġenerali eżaminat id-deċiżjoni kontenzjuża fid-dawl tad-deċiżjoni tal-ftuħ sabiex jiġi determinat jekk il-finanzjament mir-riżorsi tal-baġit ġenerali tal-Land ta' Bayern kienx diġà inkluż fid-deċiżjoni ta' ftuħ. Hija kkonstatat li l-finanzjament tat-testijiet tal-kwalità tal-ħalib

[7] Regolament (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli [107 u 108 TFUE] għal għajnuna mill-Istat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 (ĠU 2008, L 348M, p. 925, rettifika fil-ĠU 2009, L 84M, p. 567).

[8] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

mir-riżorsi baġitarji tal-Land ta' Bayern ma ssemmiex fid-deċiżjoni tal-ftuħ. Hija indikat, fit-tieni sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma allegatx li l-finanzjament kien espliċitament imsemmi fid-deċiżjoni tal-ftuħ. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-partijiet interessati setgħu leġittimament jippreżumu li l-investigazzjoni tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ kienet tirrigwarda esklużivament ir-riżorsi li joriġinaw mit-taxxa fuq il-ħalib.

18. It-tielet, il-Qorti Ġenerali indikat li t-terminu "riżorsi ta' l-Istat", użat fl-Artikolu 107(1) TFUE, għandu sens wiesa' ħafna peress li huwa jipprevedi l-inkompatibbiltà mas-suq intern tal-għajnuna mogħtija permezz ta' dawn ir-riżorsi taħt "kwalunkwe forma". Konsegwentement, dawk ir-riżorsi jistgħu jieħdu forom differenti u, għaldaqstant, il-Kummissjoni hija obbligata li tidentifikahom u tanalizzahom b'reqqa. Barra minn hekk, hija nnotat li r-riżorsi tal-Istat jikkostitwixxu wieħed mill-elementi kostituttivi tal-klassifikazzjoni ta' għajnuna. F'dan ir-rigward, l-espressjoni "għajnuna finanzjarja" użata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ, anki jekk titqies li hija tista' tiġi interpretata li tinkludi ż-żewġ sorsi ta' finanzjament, għandha tiġi kkunsidrata li ma hijiex suffiċjentement preċiża. Il-Qorti Ġenerali żiedet li, fil-fatt, id-deċiżjoni finali tista' tippreżenta ċerti diverġenzi mad-deċiżjoni tal-ftuħ. Madankollu, tali diverġenza ma hijiex iġġustifikata f'dan il-każ. Kif tirrikonoxxi l-Kummissjoni, din ġiet informata mill-Istat Membru dwar il-finanzjament permezz ta' riżorsi tal-baġit ġenerali tal-Land ta' Bayern diġà ħafna qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-ftuħ. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali nnotat li, fid-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni espressament għamlet riferiment għall-finanzjament tal-għajnuna permezz tar-riżorsi tal-baġit ġenerali tal-Land ta' Bayern, li pprovat li din il-forma ta' finanzjament ma kinitx element irrilevanti fl-analiżi tagħha. Hija kkonkludiet li d-deċiżjoni kontenzjuża ttieħdet mingħajr ma l-partijiet interessati ngħataw il-possibbiltà li jadottaw pożizzjoni dwar il-finanzjament li joriġina mill-baġit ġenerali tal-Land ta' Bayern.

19. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li d-deċiżjoni kontenzjuża ġiet adottata bi ksur tad-dritt tar-rikorrenti li jiġu assoċjati mal-proċedura amministrattiva u, għaldaqstant, tal-Artikolu 108(2) TFUE u tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 659/1999. Hija ddeċidiet ukoll li l-obbligu tal-Kummissjoni li tagħmilha possibbli għall-partijiet interessati, fl-istadju tad-deċiżjoni ta' ftuħ, li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom għandu n-natura ta' formalità essenzjali, li l-ksur tagħha twassal għal konsegwenzi, bħall-annullament tal-att ivvizzjat, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk dan il-ksur jkunx ikkawża dannu għal dak li jinvokah jew jekk il-proċedura amministrattiva setgħetx twassal għal riżultat differenti. Għaldaqstant, laqgħet l-ewwel motiv.

20. Sussidjarjament, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ma jistax jiġi eskluż li, fl-assenza tal-irregolarità formali kkonstatata, jiġifieri li kieku r-rikorrent kellu effettivament il-possibbiltà fil-kuntest tal-proċedura ta' investigazzjoni formali li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-finanzjament permezz tal-baġit ġenerali tiegħu, il-proċedura setgħet twassal għal riżultat differenti. Hija indikat f'dan ir-rigward, b'mod partikolari, li d-deċiżjoni kontenzjuża ma tippreżentax analiżi distinta fir-rigward ta' kull wieħed miż-żewġ metodi ta' finanzjament. Il-Qorti Ġenerali ħadet il-perspettiva, fid-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni jew wettqet analiżi mingħajr riferiment għall-metodu ta' finanzjament ikkonċernat, jew ittrasponiet ir-raġunament tagħha fuq il-finanzjament permezz tat-taxxa fuq il-ħalib għal dak permezz tal-baġit ġenerali tal-Land ta' Bayern. Għaldaqstant, ma huwiex eskluż li argumenti dwar il-finanzjament permezz tal-baġit ġenerali tal-Land ta' Bayern li kieku kienu ġew ippreżentati matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali, setgħu jwasslu għal riżultat differenti.

21. Mingħajr ma ddeċidiet dwar il-motivi l-oħra sostnuti mir-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali annullat l-Artikoli 1 sa 4 tad-deċiżjoni kontenzjuża sa fejn huwa deċiż permezz tagħhom li l-għoti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ta' għajnuna mill-Istat huwa inkompatibbli mas-suq intern f'dak li jirrigwarda t-testijiet tal-kwalità tal-ħalib imwettqa f'Bayern u tordna l-irkupru ta' din l-għajnuna.

III. Evalwazzjoni

22. Il-Kummissjoni ssostni erba' aggravji.

A. L-ewwel aggravju, li jallega żball ta' dritt fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Artikolu 108(2) TFUE u l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 659/1999

1. L-ammissibbiltà

23. Il-Land ta' Bayern u l-grupp ta' interess isostnu, essenzjalment, li l-ewwel aggravji tal-Kummissjoni fl-appelli tagħha huma inammissibbli, peress li jfittxu li jikkontestaw evalwazzjoni fattwali mwettqa mill-Qorti Ġenerali, mingħajr ma jallegaw xi distorsjoni ta' fatti jew evidenza.

24. L-ewwel, il-Land ta' Bayern isostni li l-Kummissjoni ma tilmentax li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 659/1999, iżda li din interpretat b'mod żbaljat id-deċiżjoni tal-ftuħ.

25. It-tieni, il-Land ta' Bayern isostni li, kuntrarjament għas-sottomissjonijiet tal-Kummissjoni, fil-punti 60, 61 u 65 tal-ewwel sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma ddikjaratx li l-Kummissjoni kellha obbligu pożittiv li tiddeskrivi l-metodu ta' finanzjament preċiż tal-miżura. Hija sempliċement iddeċidiet li ma huwiex biżżejjed li l-Kummissjoni ma teskludix fid-deċiżjoni tal-ftuħ metodu ta' finanzjament sabiex dan jiġi impliċitament inkluż f'din id-deċiżjoni.

26. It-tielet, il-Land ta' Bayern u l-grupp ta' interess jikkunsidraw dan l-aggravju bħala inammissibbli, peress li jinkludi repetizzjoni ta' aggravji u argumenti mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali.

27. Madankollu, kif sejjer nispjega fil-punti segwenti, dawn l-argumenti ma humiex sejrin jirnexxu u l-ewwel aggravju huwa ammissibbli.

28. Kuntrarjament għas-sottomissjonijiet tal-Land ta' Bayern u l-grupp ta' interess, l-ewwel aggravju ma jitlobx lill-Qorti tal-Ġustizzja twettaq evalwazzjoni ġdida tal-fatti.

29. Biżżejjed jiġi indikat li, fil-kuntest ta' dan l-aggravju, il-Qorti tal-Ġustizzja ser ikollha tinterpreta l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 659/1999 fid-dawl tal-Artikolu 108(2) TFUE sabiex tiddetermina l-livell ta' preċiżjoni meħtieġa ta' deċiżjoni sabiex tinfetaħ l-investigazzjoni formali, fid-dawl tal-obbligu tal-Kummissjoni li "tiġbor fil-qosor il-punti rilevanti ta' fatt u ta' dritt". Fi kwalunkwe każ, anki jekk, f'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ser ikollha teżamina l-interpretazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża mill-Qorti Ġenerali, isegwi mis-sentenza tal-

11 ta' Marzu 2020, Il-Kummissjoni vs Gmina Miasto Gdynia u Port Lotniczy Gdynia Kosakowo (C-56/18 P, EU:C:2020:192, is-"sentenza fi Gdynia", punt 121) li kwistjoni bħal din tikkostitwixxi kwistjoni ta' dritt, li hija ammissibbli fl-istadju tal-appell.

30. Barra minn hekk, dan l-aggravju ma huwiex inammissibbli anki fuq il-bażi li huwa allegatament jirrepeti argumenti mressqa diġà quddiem il-Qorti Ġenerali.

31. Isegwi mill-ġurisprudenza li "[m]eta appellant jikkontesta l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, magħmula mill-Qorti Ġenerali, il-punti ta' liġi eżaminati fl-ewwel istanza jistgħu jerġgħu jiġu diskussi fl-appell. Fil-fatt, li kieku appellant ma jkunx jista' b'dan il-mod jibbaża l-appell tiegħu fuq motivi u argumenti diġà użati quddiem il-Qorti Ġenerali, il-proċedura tal-appell tkun ipprivata minn parti mis-sinjifikat tagħha"[9].

2. Il-mertu

a) Sommarju qasir tal-argumenti tal-partijiet

32. Il-Kummissjoni ssostni li, fil-punti 60 sa 67 tal-ewwel sentenza appellata u fil-punti 56 sa 64 tat-tieni sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Artikolu 108(2) TFUE u l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 659/1999 kif ukoll il-ġurisprudenza tal-ġudikatura tal-Unjoni Ewropea rigward dawn id-dispożizzjonijiet, meta ddefinixxiet ir-rekwiżiti għall-kontenut ta' deċiżjoni tal-ftuħ. Il-Kummissjoni ssostni li s-sors finanzjarju tal-għajnuna għandu jissemma fid-deċiżjoni ta' ftuħ b'mod eċċezzjonali biss u f'ċirkustanzi speċifiċi.

33. Il-Kummissjoni tindika li fid-deċiżjoni tal-ftuħ hija ddikjarat l-elementi fattwali u ġuridiċi rilevanti li jikkonċernaw il-miżura li potenzjalment tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u ssottomettiet dawn l-elementi għall-evalwazzjoni preliminari[10]. F'din il-kawża, il-Qorti Ġenerali ġustament iddeċidiet li l-ħlas ta' testijiet tal-kwalità tal-ħalib jikkostitwixxi miżura unika ta' għajnuna. Din il-miżura kienet iffinanzjata mill-infiq mill-baġit tal-Land ta' Bayern li ġie ttrasferit lill-korp ta' ttestjar tal-ħalib, Milchprüfring Bayern permezz ta' deċiżjoni dwar l-użu annwali uniku ta' dawn il-fondi. Din il-miżura kienet deskritta fil-premessi 3, 5 u 15 sa 20 tad-deċiżjoni tal-ftuħ.

34. Fid-deċiżjoni ta' ftuħ, il-Kummissjoni ppreżentat il-partita tal-miżura fil-parti "infiq" tal-baġit tal-Land ta' Bayern. Madankollu, il-Qorti Ġenerali kkritikatha talli ma ppreżentatx il-parti "dħul" tal-partita, jiġifieri, is-sorsi tal-finanzjament tal-għajnuna. Il-Kummissjoni tikkunsidra li b'dan il-mod il-Qorti Ġenerali stabbilixxiet rekwiżit proċedurali ġdid, li ma għandu ebda bażi fid-dritt.

35. Skont il-Kummissjoni, isegwi, b'mod partikolari, mis-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2003, van Calster*et* (C-261/01 u C-262/01, EU:C:2003:571), li huwa biss f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, fejn hemm rabta indissolubbli bejn id-dħul u l-infiq u hemm indizji li jimplikaw li l-mod tal-ġbir tad-dħul jikser dispożizzjoni oħra tad-dritt tal-Unjoni li l-emenda tal-iskema tal-għajnuna, mill-Istat Membru, għandha tikkonċerna wkoll il-mod tal-finanzjament ta' din il-miżura. Isegwi mill-ġurisprudenza li, fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni ma hijiex meħtieġa tispeċifika s-sors tal-finanzjament tal-miżura ta' għajnuna, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali.

[9] Sentenza tal-21 ta' Settembru 2010, L-Isvezja *et* vs API u Il-Kummissjoni (C-514/07 P, C-528/07 P u C-532/07 P, EU:C:2010:541, punt 116).

[10] Sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Alcoa Trasformazioni vs Il-Kummissjoni (C-194/09 P, EU:C:2011:497).

36. F'din il-kawża, il-finanzjament huwa mħallat u kien biss il-finanzjament permezz tat-taxxa fuq il-ħalib li kien problematiku. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ssostni li ma kinitx obbligata tindika espressament il-mod tal-finanzjament l-ieħor, jiġifieri, mill-baġit ġenerali tal-Land ta' Bayern.

37. Il-Kummissjoni żżid li, skont l-Artikolu 107(1) TFUE, l-eżistenza ta' għajnuna hija ddeterminata biss mill-fatt li l-miżura hija ffinanzjata permezz tar-riżorsi tal-Istat. Għaldaqstant, l-oriġini preċiża tar-riżorsi tal-Istat hija irrilevanti fir-rigward tal-kwistjoni tal-eżistenza ta' għajnuna.

38. Il-Kummissjoni tagħmel ukoll distinzjoni bejn il-miżura ta' għajnuna (it-trasferiment ta' ammont partikolari lil dawk li jirċievu l-għajnuna), minn naħa, u l-finanzjament ta' din il-miżura (is-sorsi differenti tagħha: it-taxxa fuq il-ħalib u d-dħul tat-taxxa tal-Land ta' Bayern), min-naħa l-oħra. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tindika li l-konvenuti ma kkontestawx il-fatti kif ġew stabbiliti mill-Kummissjoni u li l-Qorti Ġenerali ma kkonstatat ebda żball f'dan ir-rigward. Għalhekk, il-Kummissjoni ssostni li hija ddefinixxiet il-miżura ta' għajnuna bl-istess mod fid-deċiżjoni tal-ftuħ u fid-deċiżjoni kontenzjuża. Isegwi b'mod ċar mill-baġit ġenerali deskritt f'dawn id-deċiżjonijiet li l-miżura unika ta' għajnuna kienet tinkludi żewġ sorsi ta' finanzjament. Il-Kummissjoni tagħmel riferiment għas-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2019, Copebi (C-505/18, EU:C:2019:500; "is-sentenza f'Copebi"), fejn, issostni, kkonfermat l-opinjoni tagħha li ma huwiex obbligatorju li s-sorsi tal-finanzjament tal-miżura ta' għajnuna jiġu indikati fl-iċken dettall fid-deċiżjoni tal-ftuħ. Deskrizzjoni ta' din il-miżura ta' għajnuna hija biżżejjed.

39. Il-Land ta' Bayern u l-grupp ta' interess isostnu, essenzjalment, li l-ewwel aggravju huwa infondat. L-ewwel, isostnu li l-Kummissjoni qiegħda tibbaża ruħha fuq ċitazzjoni impreċiża tal-kontenut tas-sentenzi appellati. It-tieni, isostnu li d-deċiżjoni tal-ftuħ tal-Kummissjoni għandha f'kull ħin tiddefinixxi b'mod suffiċjenti l-qafas tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni u għalhekk għandha tindika b'mod ċar kull metodu ta' finanzjament differenti kkunsidrat mill-Kummissjoni. It-tielet, il-Land ta' Bayern u l-grupp ta' interess jikkontestaw id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li "l-ħlas għat-testijiet tal-kwalità tal-ħalib" [traduzzjoni mhux uffiċjali] ikkostitwixxa "miżura ta' għajnuna unika" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Finalment, sal-punt li l-Kummissjoni qiegħda tagħmel riferiment espliċitu, fid-deċiżjoni tal-ftuħ, għal metodu ta' finanzjament speċifiku, huma jsostnu li l-Kummissjoni hija marbuta b'dan ir-rinviju u ma tistax tintegra *a posteriori* sorsi oħra ta' finanzjament fl-evalwazzjoni tagħha.

b) Evalwazzjoni

40. Bħala rimarka preliminari, ma huwiex ċar għalija għalfejn il-Kummissjoni naqset milli ssemmi l-metodu ta' finanzjament baġitarju tal-miżura ta' għajnuna fid-deċiżjoni tal-ftuħ (peress li hija għamlet riferiment għall-finanzjament, iżda biss għal metodu wieħed mit-tnejn, jiġifieri, dak permezz tat-taxxa fuq il-ħalib); l-iktar spjegazzjoni probabbli x'aktarx hija dik ta' ommissjoni bla ħsieb.

41. Bħalma l-Qorti Ġenerali ddeċidiet ġustament fil-punt 60 tal-ewwel sentenza appellata, il-Kummissjoni ma tistax sempliċement issostni li huwa biżżejjed li d-deċiżjoni tal-ftuħ *ma eskludietx il-finanzjament permezz ta' riżorsi li jkunu ġejjin mill-baġit ġenerali tal-Land ta' Bayern*. Fil-fatt, l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 659/1999 jistabbilixxi obbligu pożittiv fir-rigward tal-Kummissjoni, biex tiġbor fil-qosor il-kwistjonijiet rilevanti ta' fatt u ta' liġi, li b'applikazzjoni tiegħu hija ma setgħetx tibbaża ruħha fuq tali argument li jiċħad dan l-obbligu mill-kontenut tiegħu.

42. Isegwi mill-Artikolu 108(2) TFUE li l-Kummissjoni għandha obbligu ta' intimazzjoni tal-partijiet ikkonċernati sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom matul l-istadju tal-investigazzjoni formali.

43. Kif il-Qorti Ġenerali diġà ddeċidiet fil-ġurisprudenza tagħha, il-proċedura ta' investigazzjoni formali tippermetti, min-naħa tagħha, li jiġu approfonditi u ċċarati l-kwistjonijiet imqajma fid-deċiżjoni tal-ftuħ [11].

44. L-għan tad-deċiżjoni tal-ftuħ huwa li tiddefinixxi l-kuntest tal-eżami tal-Kummissjoni [12].

45. Għaldaqstant, nenfasizza li d-deċiżjoni tal-ftuħ għandha tippermetti lill-partijiet interessati jippreżentaw il-fehmiet tagħhom fil-proċedura ta' investigazzjoni formali b'mod utli u effettiv.

46. L-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 659/1999 tagħmilha ċara li "[i]d-deċiżjoni li tinbeda l-proċedura ta' investigazzjoni formali għandha tiġbor fil-qosor l-kwistjonijiet relevanti tal-fatti u liġi, għandha tinkludi stima preliminari tal-Kummissjoni dwar il-karattru tal-miżura proposta u għandha tqiegħed id-dubji dwar il-kompatibilità tagħha mas-suq komuni".

47. Fil-fehma tiegħi, il-metodu tal-finanzjament ta' miżura ta' għajnuna bla dubju jikkostitwixxi "kwistjoni rilevanti ta' fatt" sabiex jiġi ddeterminat jekk hemmx miżura ta' għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

48. Fil-fatt, kif isegwi mill-ġurisprudenza [13], "il-klassifikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, tippresupponi li jeżistu erba' kundizzjonijiet, jiġifieri [(i)] li għandu jkun hemm intervent tal Istat jew permezz tar-riżorsi tal-Istat, [(ii)] li dan l-intervent għandu jkun kapaċi jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, [(iii)] li għandu jagħti vantaġġ lill-benefiċjarju tiegħu u [(iv)] li għandu jwassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni".

49. Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni, li hija inkwistjoni hawn, din l-istess ġurisprudenza tiddikjara li "[s]abiex vantaġġi jkunu jistgħu jiġu kkwalifikati bħala għajnuna […] huma għandhom, [l-ewwel], jingħataw direttament jew indirettament, permezz ta' riżorsi tal-Istat, u, [it-tieni], ikunu attribwibbli lill-Istat" [14].

50. Għaldaqstant, id-distinzjoni li l-Kummissjoni qiegħda tipprova tistabbilixxi bejn il-finanzjament ta' miżura u l-ħlas tal-għajnuna lill-benefiċjarju hija sottili.

51. Barra minn hekk, kif indikaw il-Land ta' Bayern u l-grupp ta' interess, il-metodu tal-finanzjament tal-miżura x'aktarx ukoll li għandu rwol f'din il-kawża fil-kuntest tal-karatterizzazzjoni ta' vantaġġ selettiv fi ħdan is-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE kif ukoll fl-evalwazzjoni tal-kunċett ta' għajnuna eżistenti.

[11] Sentenza tal-4 ta' Marzu 2009, L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-424/05, mhux ippubblikata, EU:T:2009:49, punt 69) iċċitata fil-punt 47 tal-ewwel sentenza appellata.

[12] Ara s-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2009, EDF vs Il-Kummissjoni (T-156/04, EU:T:2009:505, punt 108).

[13] Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent De Colère! *et* (C-262/12, EU:C:2013:851, punt 15 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[14] *Ibid*., punt 16 u l-ġurisprudenza ċċitata.

52. Fis-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2003, van Calster *et* (C-261/01 u C-262/01, EU:C:2003:571, punt 49), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "l-metodu ta' finanzjament ta' għajnuna mill-Istat jista' jwassal għall-inkompatibbiltà tas-sistema sħiħa ta' għajnuna mas-suq komuni. Għalhekk, l-eżami ta' għajnuna ma jistax jiġi sseparat mill-effetti tal-metodu ta' finanzjament tagħha […] Għall-kuntrarju, l-eżami ta' miżura ta' għajnuna mill-Kummissjoni jrid bilfors jieħu inkunsiderazzjoni l-metodu ta' finanzjament ta' l-għajnuna f'każ fejn dan ta' l-aħħar jagħmel parti integrali tal-miżura".

53. Huwa minnu li "l-istħarriġ tal-legalità ta' deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali eżerċitat mill-qorti tal-Unjoni, meta r-rikorrent jikkontesta l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kwalifika tal-miżura kontenzjuża bħala 'għajnuna mill-Istat', huwa limitat għall-verifika ta' jekk il-Kummissjoni wettqitx żbalji manifesti ta' evalwazzjoni"[15].

54. Madankollu, id-determinazzjoni ta' kwistjonijiet rilevanti ta' fatt u ta' dritt, li, kif meħtieġ mill-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 659/1999, għandha tiġi stabbilita f'deċiżjoni tal-ftuħ tal-Kummissjoni, għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi.

55. Madankollu, dan ma jkunx il-każ jekk il-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta li kwistjonijiet rilevanti ta' fatt u ta' dritt jistgħu jibqgħu ma jissemmewx f'din id-deċiżjoni sempliċement fuq il-bażi li l-Kummissjoni, bħala l-awtriċi ta' dan l-att, ikkunsidrat li kienu minnhom innifishom evidenti.

56. Għaldaqstant, filwaqt li – kif sostnut mill-Kummissjoni – jista' jidher li l-finanzjament permezz tal-baġit ġenerali ta' Stat Membru jikkostitwixxi riżorsi tal-Istat, jibqa' l-fatt li dan ma jiġġustifikax l-ommissjoni tal-Kummissjoni ta' dan l-element mid-deċiżjoni tal-ftuħ, peress li dan il-fatt huwa element kostituttiv ta' din il-miżura ta' għajnuna mill-Istat.

57. Dan l-element manifestament jikkostitwixxi "kwistjoni rilevanti ta' fatt u liġi" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 659/1999.

58. Fil-fatt, soluzzjoni bħal din issegwi wkoll mill-prinċipju tan-natura identifikabbli (jew il-"prinċipju tal-preċiżjoni", bil-Ġermaniż "Bestimmtheitsgrundsatz", li huwa espressjoni tal-prinċipju taċ-ċertezza legali) ta' atti vinkolanti ta' awtoritajiet pubbliċi, li jeħtieġ li l-kontenut ta' att għandu jippreżenta ċertu livell ta' ċarezza u preċiżjoni. L-Artikolu 2 TUE, li jiddikjara li l-Unjoni hija bbażata fuq, *inter alia*, l-istat tad-dritt, jista' fil-fatt jiġi kkunsidrat bħala l-bażi formali ta' dan il-prinċipju fit-Trattat. Bħalma l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'diversi okkażjonijiet il-prinċipju taċ-ċertezza legali jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni li jeżiġi li liġi tkun ċara u preċiża, sabiex dawk li huma suġġetti għaliha jkunu jistgħu jagħrfu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom mingħajr ambigwità u jimxu skont dan it-tagħrif[16].

59. Għalhekk, kuntrarjament għal dak li l-Kummissjoni tissuġġerixxi fil-punt 52 tal-appell tagħha fil-kawża C-167/19 P, din l-istituzzjoni ma tistax tillimita ruħha li tistabbilixxi ċirkustanzi rilevanti jew "kwistjonijiet ta' fatt jew liġi" li fil-fehma tagħha ma humiex "evidenti".

60. L-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 659/1999 huwa bbażat fuq ir-rilevanza ta' kwistjonijiet ta' fatt u liġi għall-investigazzjoni formali: dak li huwa importanti ma hijiex l-"evidenza" preżunta u suġġettiva ta' dawn il-kwistjonijiet, iżda pjuttost ir-rilevanza tagħhom għad-deċiżjoni. F'din

[15] Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs Hansestadt Lübeck (C-524/14 P, EU:C:2016:971, punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[16] Ara s-sentenzi tal-14 ta' April 2005, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-110/03, EU:C:2005:223, punt 30); tad-9 ta' Lulju 1981, Gondrand u Garancini (169/80, EU:C:1981:171, punt 17); u tat-13 ta' Frar 1996, Van Es Douane Agenten (C-143/93, EU:C:1996:45, punt 27).

il-kawża, il-kwistjonijiet ikkontestati jikkonċernaw il-finanzjament permezz ta' riżorsi tal-Istat, li jikkostitwixxu waħda mill-kundizzjonijiet taħt l-Artikolu 107(1) TFUE. Għaldaqstant, dawn għandhom jiġu kkunsidrati bħala rilevanti għad-deċiżjoni finali.

61. Barra minn hekk, nikkunsidra li l-Kummissjoni ma tistax tinvoka n-natura provviżorja tad-deċiżjoni tal-ftuħ sabiex tiġġustifika l-ommissjoni ta' kwistjoni tant rilevanti. Naqbel mal-grupp ta' interess li huwa neċessarju għall-parti kkonċernata li tkun kapaċi tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha dwar kwistjonijiet ta' fatt u ta' liġi li huma neċessarji għall-evalwazzjoni tal-miżura ta' għajnuna inkwistjoni.

62. Kuntrarjament għall-argumenti tal-Kummissjoni, fil-fehma tiegħi pjuttost isegwi mis-sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Alcoa Trasformazioni vs Il-Kummissjoni (C-194/09 P, EU:C:2011:497, punt 103) li l-Kummissjoni għandha "[tesponi] b'mod ċar il-motivi [fid-deċiżjoni ta' ftuħ] li għalihom hija kienet ikkonkludiet, provviżorjament, li l-miżura inkwistjoni kienet tikkostitwixxi għajnuna u li hija kellha dubju serju dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq komuni".

63. Imbagħad, nikkunsidra li l-Kummissjoni hija żbaljata wkoll meta tallega li l-fehma tagħha hija sostnuta mis-sentenzi tat-30 ta' Mejju 2013, Doux Élevage u Coopérative agricole UKL-ARREE (C-677/11, EU:C:2013:348) u tal-21 ta' Ottubru 2003, van Calster *et* (C-261/01 u C-262/01, EU:C:2003:571).

64. Dawn is-sentenzi ma humiex direttament rilevanti f'dan il-kuntest. L-ewwel, kif indikat mil-Land ta' Bayern u l-grupp ta' interess, l-ewwel waħda tikkonċerna kwistjoni sostantiva: il-portata tal-kunċett ta' riżorsi tal-Istat.

65. It-tieni, is-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2003, van Calster *et* (C-261/01 u C-262/01, EU:C:2003:571) ma tiġġustifikax eżitu li skontu s-sors tal-finanzjament tal-għajnuna għandu jkun speċifikat biss fid-deċiżjoni tal-ftuħ f'każijiet eċċezzjonali u f'ċirkustanzi partikolari. Dik is-sentenza ma hijiex relatata mal-kontenut tad-deċiżjoni tal-ftuħ, iżda mal-portata tal-obbligu tal-Istati Membri sabiex jinnotifikaw. Fl-ewwel lok, il-parallel indikat mill-Kummissjoni ma huwiex minnu nnifsu xieraq peress li n-notifika ta' miżura ta' għajnuna u d-deċiżjoni tal-ftuħ jikkonċernaw stadji differenti tal-proċedura, għandhom funzjonijiet differenti u jsegwu kriterji ġuridiċi differenti. Fit-tieni lok, fi kwalunkwe każ, dik is-sentenza tillimita ruħha biss li tiddikjara li, f'ċerti każijiet, il-metodu tal-finanzjament ta' għajnuna għandu jissemma fin-notifika tal-miżura. Fi kwalunkwe każ, dak li huwa inkwistjoni hawn ma huwiex sempliċement in-nuqqas ta' informazzjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ dwar metodu tal-finanzjament, iżda l-fatt innifsu li dik id-deċiżjoni tonqos milli ssemmi wieħed miż-żewġ metodi ta' finanzjament tal-miżura ta' għajnuna kompletament.

66. Nikkunsidra li l-argumenti tal-Kummissjoni bbażati fuq l-interpretazzjoni tagħha stess tas-sentenza f'Copebi ma humiex utli għaliha.

67. Fil-fatt, kuntrarjament għal dak li tallega l-Kummissjoni, il-kwistjonijiet ġuridiċi inkwistjoni f'din il-kawża b'mod ċar ma humiex riżolti f'dik is-sentenza. Is-sitwazzjoni sottostanti ta' dik is-sentenza hija differenti minn din diġà sa fejn huma kkonċernati l-fatti. Fis-sentenza f'Copebi, dak li kien inkwistjoni ma huwiex il-kontenut tad-deċiżjoni tal-ftuħ, iżda d-deċiżjoni finali: b'mod partikolari, iċ-ċirku ta' destinatarji tad-deċiżjoni finali.

68. Kif indikat mill-grupp ta' interess, fis-sentenza f'Copebi, l-introduzzjoni tal-proċedura ta' għajnuna ġiet ikkomunikata mill-Kummissjoni skont il-formalitajiet kollha meħtieġa, sabiex ma jkun hemm ebda ksur tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni fil-proċedura [17]. Fis-sentenza f'Copebi, il-konstatazzjonijiet differenti juru li kemm is-sors tal-finanzjament Oniflhor (il-Bord nazzjonali tan-negozju tal-frott, ħxejjex u ortikoltura nazzjonali, Franza) u l-miżura kkonċernata kienu identifikati u Copebi SCA kienet inkluża, bħala produttriċi tal-frott u tal-ħaxix, fiċ-ċirku ta' partijiet potenzjalment ikkonċernati b'irkupru tal-għajnuna. Il-kumitat agrikolu CEBI, [18] mhux iċċitat, kien qiegħed sempliċement iqassam ir-riżorsi ggarantiti mill-awtorità governattiva, u għalhekk, finalment, kien qiegħed jaġixxi sempliċement bħala aġenzija tal-pagamenti. Huwa la kien jikkostitwixxi sors ta' finanzjament u lanqas "kwistjoni rilevanti" għall-għanijiet tal-kwalifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat.

69. Nindika li l-approċċ tiegħi għall-ewwel aggravju huwa sostnut minn diversi sentenzi, b'teħid inkunsiderazzjoni li sa issa kienet biss il-Qorti Ġenerali li kellha opportunità tindirizza din il-kwistjoni.

70. Isegwi mis-sentenza f'Diputación Foral de Álava *et* vs Il-Kummissjoni [19] li, fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni għandha tindika b'mod ċar liema elementi tal-miżura kkonċernata tkun qiegħda tikkontesta.

71. Il-Qorti Ġenerali diġà ddeċidiet li d-deċiżjoni tal-ftuħ għandha tkun suffiċjentement preċiża sabiex tippermetti lill-partijiet interessati jevalwaw jekk iridux jippreżentaw osservazzjonijiet [20].

72. Hija ddeċidiet ukoll li "huwa neċessarju li l-Kummissjoni tiddefinixxi b'mod suffiċjenti l-kuntest tal-eżami tagħha sabiex ma tirrendix mingħajr skop id-dritt tal-partijiet interessati li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom" [21].

73. B'mod simili, hija ddeċidiet li "huwa neċessarju li l-Kummissjoni tiddefinixxi b'mod suffiċjenti l-kuntest tal-eżami tagħha sabiex l-Istat Membru li tkun infetħet il-proċedura kontrih ikun jista' jesprimi ruħu *fuq il-punti kollha ta' fatt u ta' liġi li jikkostitwixxu l-motivi tad-deċiżjoni finali li permezz tagħha l-Kummissjoni tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà tal-miżura inkwistjoni mas-suq komuni*" [22].

74. Fis-sentenza tat-22 ta' Frar 2006, Le Levant 001 *et* vs Il-Kummissjoni (T-34/02, EU:T:2006:59, punti 77 sa 83) il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 108(2) TFUE u l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 659/1999 peress li ma intimatx lill-investituri privati sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom. Hija ddeċidiet li l-identifikazzjoni tal-benefiċjarju tal-għajnuna hija neċessarjament waħda mill-"kwistjonijiet relevanti tal-fatti u liġi" fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(1). Għalhekk, din għandha, skont din id-dispożizzjoni, tkun inkluża fid-deċiżjoni tal-ftuħ jekk dan ikun possibbli f'dan l-istadju tal-proċedura, peress li huwa fuq il-bażi ta' din l-identifikazzjoni li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta d-deċiżjoni tal-irkupru. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni li parti hija l-benefiċjarja tal-għajnuna kkontestata, kemm fid-deċiżjoni li tinbeda l-proċedura u kif ukoll fi stadju ulterjuri tal-proċedura ta' investigazzjoni

[17] Sentenza tat-13 ta' Ġunju 2019, Copebi (C-505/18, EU:C:2019:500, punti 34 u 35).

[18] Il-Kumitat Ekonomiku għall-Industrija tal-Whiteheart Cherry (Economic Committee for the Whiteheart Cherry Industry ("CEBI").

[19] Sentenza tas-6 ta' Marzu 2002 (T-127/99, T-129/99 u T-148/99, EU:T:2002:59, punt 136) (appell miċħud mill-Qorti tal-Ġustizzja).

[20] Sentenza tal-11 ta' Mejju 2005, Saxonia Edelmetalle vs Il-Kummissjoni (T-111/01 u T-133/01, EU:T:2005:166, punt 50) (mhux appellata). Ara Hancher, L., Ottervanger, T. u Slot, P.J., *EU State Aids*, ir-raba' edizzjoni, Sweet & Maxwell, 2012, p. 968.

[21] Sentenza tal-1 ta' Lulju 2009, ISD Polska *et* vs Il-Kummissjoni (T-273/06 u T-297/06, EU:T:2009:233, punt 126).

[22] Enfasi miżjuda minni. Sentenza tat-30 ta' Novembru 2009, Franza vs Il-Kummissjoni (T-427/04 u T-17/05, EU:T:2009:474, punt 137).

formali qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni finali li tikkonstata l-inkompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq komuni, dan it-tip ta' parti kkonċernata ma tistax tiġi kkunsidrata bħala li ġiet debitament intimata sabiex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha, minħabba li hija tista' leġittimament taħseb li tali osservazzjonijiet ma humiex neċessarji, peress li ma hijiex ikklassifikata bħala l-benefiċjarja tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata.

75. Għalhekk, pereżempju, f'Il-Greċja vs Il-Kummissjoni [23], rigward għajnuna lil Olympic Airways li ġiet ittrasferita lil kumpannija li kienet is-suċċessur tagħha permezz ta' renta ta' ajruplan li kienet allegatament inqas mir-renti taħt ir-renta prinċipali, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni ġiet annullata fuq il-bażi li d-deċiżjoni tal-ftuħ tal-investigazzjoni formali ma fihiex evalwazzjoni preliminari tar-renta mħallsa bil-għan li jiġi ddeterminat jekk din fihiex element ta' għajnuna [24].

76. Fis-sentenza tal-1 ta' Lulju 2009, KG Holding *et* vs Il-Kummissjoni (T-81/07 sa T-83/07, EU:T:2009:237, punt 134) id-deċiżjoni ġiet parzjalment annullata sa fejn is-suġġett tal-ordni tal-irkupru ma ġiex indikat fid-deċiżjoni tal-ftuħ.

77. L-approċċ tiegħi huwa sostnut ukoll fis-sentenza tal-Qorti Ġenerali f'Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni [25]: "Il-prinċipju tal-protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi, invokat mir-rikorrenti jimplika li l-Kummissjoni, waqt il-proċedura ta' eżami ta' għajnuna mogħtija mill-Istat, għandha tikkunsidra l-aspettattivi leġittimi li l-partijiet ikkonċernati jista' jkollhom bħala riżultat ta' dak li ntqal fid-deċiżjoni [tal-ftuħ] […] u, sussegwentement, li hija ma tibbażax id-deċiżjoni finali tagħha fuq in-nuqqas ta' l-elementi li, fid-dawl ta' dawn l-indikazzjonijiet, il-partijiet ikkonċernati ma setgħux iqisu li għandhom jipprovdulha."

78. Isegwi mill-kunsiderazzjonijiet iktar 'il fuq li l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

B. It-tieni aggravju, li jallega nuqqas ta' motivazzjoni riżultanti minn interpretazzjoni żbaljata tad-deċiżjoni tal-ftuħ

1. L-ammissibbiltà

79. Il-Land ta' Bayern u l-grupp ta' interess isostnu li ż-żewġ partijiet tat-tieni aggravju huma inammissibbli, peress li l-Kummissjoni qiegħda tikkontesta l-evalwazzjoni tal-fatti tal-Qorti Ġenerali u qiegħda tirrepeti argumenti u motivi ppreżentati fl-ewwel istanza.

80. Nikkunsidra li dawn l-argumenti għandhom jiġu miċħuda għal raġunijiet bħal dawk fil-punti 28 sa 31 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[23] Sentenza tat-13 ta' Settembru 2010 (T-415/05, T-416/05 u T-423/05, EU:T:2010:386, punt 240) (is-sentenza ma ġietx appellata quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja).

[24] Ara Quigley, C., *European State Aid Law and Policy*, it-tielet edizzjoni, Bloomsbury, 2015, p. 556.

[25] Sentenza tat-18 ta' Novembru 2004 (T-176/01, EU:T:2004:336, punt 88) (appell miċħud mill-Qorti tal-Ġustizzja).

2. Il-mertu

a) Sommarju fil-qosor tal-argumenti tal-partijiet

81. F'aggravju sussidjarju, li formalment għandu żewġ partijiet, il-Kummissjoni qiegħda tikkontesta l-punti 53 sa 58 u 62 tal-ewwel sentenza appellata u l-punti 47 sa 53 u 56 tat-tieni sentenza appellata.

1) L-ewwel parti tat-tieni aggravju

82. Il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta interpretat id-deċiżjoni tal-ftuħ b'mod selettiv, billi bbażat ruħha fuq numru limitat ta' premessi, filwaqt li hija obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni l-premessi kollha ta' din id-deċiżjoni [26].

83. Il-Kummissjoni tfakkar, l-ewwel, li d-deċiżjoni tal-ftuħ (premessa 5) issemmi "ammonti ta' oriġini baġitarji" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u "ammonti intiżi għall-għajnuna" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Anki jekk it-tieni espressjoni tagħmel riferiment għall-finanzjament permezz ta' riżorsi li joriġinaw minn baġit distint, mimli b'mod partikolari bil-prodott mit-taxxa fuq il-ħalib, il-Kummissjoni tikkunsidra li huwa ovvju li din l-espressjoni tagħmel riferiment ukoll għall-finanzjament mill-baġit ġenerali. Fil-fehma tagħha, isegwi wkoll mill-premessa 18 tad-deċiżjoni tal-ftuħ li l-finanzjament huwa żgurat permezz ta' riżorsi baġitarji u r-riżorsi mit-taxxa fuq il-ħalib.

84. It-tieni, il-Kummissjoni tallega erba' żbalji ta' liġi mwettqa mill-Qorti Ġenerali fl-interpretazzjoni sistematika tagħha tad-deċiżjoni tal-ftuħ.

85. L-ewwel żball ta' liġi jikkonċerna l-punt 53 tal-ewwel sentenza appellata u l-punt 48 tat-tieni sentenza appellata. Il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali naqset milli teżamina l-ewwel argument imqajjem mill-Kummissjoni u għaldaqstant kisret l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni u li tanalizza l-eċċezzjonijiet kollha ppreżentati quddiemha.

86. It-tieni żball ta' liġi jikkonċerna l-punti 54 u 57 tal-ewwel sentenza appellata u l-punti 49, 52 u 53 tat-tieni sentenza appellata. Il-Kummissjoni ssostni li l-fatt li ssemmew, bħala eżempju, id-dispożizzjonijiet tal-Land ta' Baden-Württemberg fil-premessa 17 tad-deċiżjoni tal-ftuħ jippermetti lil-Land ta' Bayern jiddeduċi li d-dispożizzjonijiet identiċi ta' Bayern – li għalihom kien għamel riferiment fl-istadju ta' eżami preliminari u fir-risposta tiegħu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali – kienu koperti wkoll mid-deċiżjoni tal-ftuħ.

87. It-tielet żball allegat ta' liġi huwa relatat mal-punt 55 tal-ewwel sentenza appellata u mal-punt 50 tat-tieni sentenza appellata, fejn il-Qorti Ġenerali interpretat it-Taqsima 3.3.1 tad-deċiżjoni tal-ftuħ bħala limitazzjoni tal-fażi ta' eżami preliminari għal metodu ta' finanzjament uniku (it-taxxa fuq il-ħalib). Il-Kummissjoni ssostni li din it-taqsima tad-deċiżjoni tal-ftuħ inkludiet biss evalwazzjoni provviżorja tan-natura tal-għajnuna inkwistjoni. Għaldaqstant, din l-analiżi ma tistax tirriżulta f'limitazzjoni tad-deskrizzjoni ta' kwistjonijiet fattwali u legali rilevanti stabbiliti fit-Taqsima 2 ta' din id-deċiżjoni.

[26] Digriet tal-10 ta' Lulju 2001, Irish Sugar vs Il-Kummissjoni (C-497/99 P, EU:C:2001:393).

88. Fil-kuntest tal-allegat raba' żball ta' liġi l-Kummissjoni tqajjem l-istess argumenti, rigward il-punt 56 tal-ewwel sentenza appellata u l-punt 51 tat-tieni sentenza appellata, fejn il-Qorti Ġenerali allegatament iddikjarat li l-premessa 264 tad-deċiżjoni tal-ftuħ issemmi biss il-finanzjament permezz tat-taxxa fuq il-ħalib.

89. Il-Land ta' Bayern u l-grupp ta' interess isostnu, essenzjalment, li l-Kummissjoni hija żbaljata meta targumenta li l-Qorti Ġenerali, fl-evalwazzjoni tagħha tal-fatti stabbiliti fid-deċiżjoni tal-ftuħ, ibbażat ruħha b'mod selettiv fuq ċerti premessi ta' din id-deċiżjoni. Dawn jikkontestaw ukoll l-argument li skontu jista' jiġi dedott mir-riferiment għar-regolament finanzjarju tal-Land ta' Baden-Württemberg li r-regolament tal-Land ta' Bayern huwa wkoll kopert mid-deċiżjoni tal-ftuħ.

2) It-tieni parti tat-tieni aggravju

90. Il-Kummissjoni tikkontesta d-dikjarazzjoni tal-Qorti Ġenerali fil-punt 62 tal-ewwel sentenza appellata u l-punt 56 tat-tieni sentenza appellata, li skonthom il-kontenut tal-proċess amministrattiva huwa irrilevanti għall-għanijiet tal-interpretazzjoni tad-deċiżjoni tal-ftuħ. Bil-maqlub, il-Kummissjoni ssostni li, fuq qari tal-iskambju ta' ittri fil-mori tal-eżami preliminari, la l-Land ta' Bayern u lanqas il-Qorti Ġenerali ma seta' jkollhom dubji li l-proċedura ta' investigazzjoni formali kopriet ukoll il-finanzjament permezz tad-dħul mit-taxxa ġenerali.

91. Iktar minn hekk, il-Kummissjoni ssostni li, fil-punti 53 sa 58 u 62 tal-ewwel sentenza appellata u l-punti 47 sa 53 tat-tieni sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kisret il-ġurisprudenza dwar l-obbligu ta' motivazzjoni u naqset milli twieġeb għall-argumenti tal-Kummissjoni.

92. Il-Land ta' Bayern u l-grupp ta' interess isostnu, essenzjalment, li din il-parti tat-tieni aggravju hija infondata. Kuntrarjament għal dak li tissuġġerixxi l-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali ma ddikjaratx li l-kontenut tal-proċess tal-proċedura amministrattiva huwa irrilevanti għall-interpretazzjoni tad-deċiżjoni tal-ftuħ. Il-grupp ta' interess iżid li ċ-ċitazzjoni, bħala eżempju, tal-leġiżlazzjoni ta' Länder ma hijiex biżżejjed sabiex tinforma lill-partijiet interessati b'mod xieraq. Il-grupp ta' interess isostni wkoll li l-evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ hija relatata biss mal-miżuri meħuda taħt il-MFG.

b) Evalwazzjoni

93. Nikkunsidra li ż-żewġ partijiet ta' dan l-aggravju għandhom jiġu ttrattati flimkien.

94. Kif il-Qorti Ġenerali kkonstatat fil-punt 57 tal-ewwel sentenza appellata, ġie kkonfermat mill-Kummissjoni stess matul il-proċedimenti fl-ewwel istanza li l-finanzjament ta' testijiet tal-kwalità tal-ħalib li jużaw ir-riżorsi baġitarji tal-Land ta' Bayern ma ġiex imsemmi fid-deċiżjoni tal-ftuħ.

95. Fil-fehma tiegħi, ma huwiex neċessarju li jiġu indirizzati l-argumenti numerużi mqajma mill-Kummissjoni, sa fejn isegwi neċessarjament mill-evalwazzjoni tiegħi tal-ewwel aggravju li kwistjoni ta' fatt jew ta' liġi li hija rilevanti għall-proċedura ta' investigazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 659/1999, tista' sempliċement ma tiġix ikkunsidrata li hija *impliċitament "irrikapitulata"* f'deċiżjoni tal-ftuħ tal-Kummissjoni, jew *dedotta minnha*.

96. Kif isegwi mill-punt 41 ta' dawn il-konklużjonijiet: (i) l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 659/1999 jistabbilixxi obbligu pożittiv fuq il-Kummissjoni u għalhekk dan diġà jelimina kwalunkwe rikapitulazzjoni jew deduzzjoni impliċiti, u (ii) jekk il-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta tali rikapitulazzjoni jew deduzzjoni impliċiti, dan irendi mingħajr skop id-drittijiet ta' partijiet ikkonċernati li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fi proċeduri ta' għajnuna mill-Istat.

97. Fil-fehma tiegħi, kwistjonijiet ta' fatt jew ta' liġi li huma rilevanti għall-proċedura ta' investigazzjoni għandhom jiġu stabbiliti espliċitament fid-deċiżjoni tal-ftuħ.

98. Fil-fatt, hija ġurisprudenza stabbilita li "il-motivazzjoni rikjesta mill-[Artikolu 296 TFUE] għandha tkun adatta għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha *turi b'mod ċar u inekwivoku* r-raġunament segwit mill-istituzzjoni li tkun adottat l-att b'tali mod li tippermetti lill-persuni kkonċernati li jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura adottata u lill-qorti kompetenti li teżerċita l-istħarriġ tagħha. Ir-rekwiżiti ta' motivazzjoni għandu jkun evalwat skont iċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari l-kontenut tal-att inkwistjoni, in-natura tal-motivi invokati u l-interess li d-destinatarji jew persuni oħra kkonċernati direttament u individwalment mill-att jista' jkollhom li jirċievu spjegazzjonijiet"[27].

99. Hija meħtieġa rimarka finali: kieku wieħed kellu jaċċetta l-linja ta' argument tal-Kummissjoni f'din il-kawża, kif tista' l-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' rikors għal annullament, tiddeċiedi dwar il-possibbiltà ta' nuqqas ta' motivazzjoni f'deċiżjoni jekk ikun permess li din id-deċiżjoni tista' ssemmi ċerti kwistjonijiet rilevanti ta' fatt jew ta' liġi biss *impliċitament*?

100. Isegwi li ż-żewġ partijiet tat-tieni aggravju għandhom jiġu miċħuda bħala infondati jew ineffettivi. Għaldaqstant, it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud ukoll.

C. It-tielet aggravju, li jallega żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE

1. L-ammissibbiltà

101. Il-Land ta' Bayern u l-grupp ta' interess jikkontestaw l-ammissibbiltà ta' dan l-aggravju, peress li allegatament ma jistax, waħdu, iwassal għall-annullament tas-sentenzi appellati, peress li huwa marbut mill-qrib mar-raba' aggravju.

102. Madankollu, anki jekk it-tielet u r-raba' aggravji huma marbuta mill-qrib (it-tielet aggravju jista' jintlaqa' biss jekk ir-raba' aggravju jintlaqa' wkoll), dan minnu nnifsu ma huwiex biżżejjed sabiex wieħed minnhom jiġi ddikjarat inammissibbli. Fil-fehma tiegħi, it-tielet aggravju ma huwiex ineffettiv, peress li huwa ċar minn qari tal-appelli tal-Kummissjoni li ma ppreżentatx ir-raba' aggravju bħala sempliċi sussidjarju għat-tielet aggravju – fil-fatt, iż-żewġ aggravji tqiegħdu fl-istess livell.

103. Freistaat Bayern u l-grupp ta' interess isostnu wkoll li t-tielet aggravju huwa inammissibbli, peress li l-Kummissjoni qiegħda tikkontesta l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali tal-fatti u qiegħda tirrepeti argumenti u motivi ppreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali.

[27] Enfasi miżjuda minni. Ara s-sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Alcoa Trasformazioni vs Il-Kummissjoni (C-194/09 P, EU:C:2011:497, punt 96 u l-ġurisprudenza ċċitata).

104. Nikkunsidra li dawn l-argumenti għandhom jiġu miċħuda għal raġunijiet simili għal dawk fil-punti 28 sa 31 ta' dawn il-konklużjonijiet.

2. Il-mertu

a) Sommarju fil-qosor tal-argumenti tal-partijiet

105. Il-Kummissjoni ssostni essenzjalment li, fil-punti 70 u 71 tal-ewwel sentenza appellata u fil-punti 66 sa 68 tat-tieni sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li d-drittijiet ta' parteċipazzjoni ta' terzi huma essenzjalment rekwiżiti proċedurali fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

106. Il-Land ta' Bayern u l-grupp ta' interess isostnu, essenzjalment, li dan l-aggravju huwa infondat. Huma jsostnu li l-ksur ta' rekwiżit proċedurali essenzjali awtomatikament iġib l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża. Huma jsostnu wkoll li s-sentenza tat-8 ta' Mejju 2008 Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (C-49/05 P, mhux ippubblikata, EU:C:2008:259; is-"sentenza f'Ferriere Nord") hija irrilevanti f'din il-kawża. Dwar is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Freistaat Sachsen (C-334/07 P, EU:C:2008:709; is-"sentenza fi Freistaat Sachsen"), dawn il-partijiet sostnew li s-sentenza tiddikjara li l-obbligu tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(2) TFUE li tippermetti lill-partijiet interessati jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom, matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali, jikkostitwixxi rekwiżit proċedurali essenzjali.

b) Evalwazzjoni

107. Ċerta ġurisprudenza reċenti tal-Qorti Ġenerali fil-qasam tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat [28] tapplika perspettiva formalistika ħafna u tfittex li tippreskrivi rekwiżiti stretti żżejjed għall-Kummissjoni u d-deċiżjonijiet tagħha. Ġurisprudenza bħal din tmur lil hinn mir-rekwiżiti stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn dawn il-kawżi (sa fejn huma kkonċernati t-tielet u r-raba' aggravji), eżempju ta' dan hija l-kawża li niddiskuti fid-dettall f'dawn il-konklużjonijiet (is-sentenza fi Gdynia), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-approċċ tal-Qorti Ġenerali u annullat is-sentenza tagħha.

108. Barra minn hekk, nixtieq nindika wkoll li fil-konklużjonijiet tiegħi tat-3 ta' Ġunju 2021, fil-kawża C-57/19 P, Tempus Energy (li bħalissa hija pendenti), jiena spjegajt li anki f'dik il-kawża l-approċċ tal-Qorti Ġenerali għandu jiġi miċħud u s-sentenza tagħha għandha tiġi annullata, peress li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi billi kkonstatat li l-miżura ta' għajnuna nnotifikata qajmet dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern. Fil-fehma tiegħi, il-Qorti Ġenerali wettqet żball f'dan ir-rigward billi ħadet inkunsiderazzjoni, bħala indikatur prinċipali ta' dubji,

[28] Ara, għal perspettiva ġenerali ta' ġurisprudenza dwar l-għajnuna mill-Istat, pereżempju, Staviczky, P., "What Will the EU Court's Recent Judgments Annulling Commission's State Aid Decisions Bring to Member States?", *European State Aid Law Quarterly*, 2019, Numru 3, p. 293. Ara wkoll, pereżempju, fl-istess numru ta' dan il-ġurnal: Buendia, J.L., Buts, C. u Cyndecka, M., "Review of EU Case Law on State Aid – 2018", p. 313.

it-tul u ċ-ċirkustanzi tal-kuntatti ta' qabel in-notifika u l-kumplessità u n-novità tal-miżura u wettqet żball billi kkritikat lill-Kummissjoni għan-nuqqas ta' investigazzjoni xierqa dwar ċerti aspetti tas-suq tal-kapaċità tar-Renju Unit [29].

109. Kif sejjer nispjega iktar 'il quddiem, il-problema prinċipali bis-sentenzi appellati hija li jekk il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat l-approċċ tal-Qorti Ġenerali, dan sejjer manifestament iċajpar id-differenza li ilha stabbilita fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja bejn id-drittijiet tal-Istat Membru kkonċernat fi proċeduri tal-għajnuna mill-Istat, minn naħa, u d-drittijiet (inferjuri) tal-partijiet interessati, min-naħa l-oħra.

1) Id-drittijiet tad-difiża tal-Istat Membru kkonċernat vs id-dritt (ta' terzi) li jkunu involuti

110. Fil-fatt, huwa ċar fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li d-drittijiet tal-partijiet interessati għandhom sinjifikat ġuridiku inferjuri mid-drittijiet tad-difiża tal-Istat Membru kkonċernat [30] u l-ksur tagħhom ma jistax iwassal għall-annullament tad-deċiżjoni finali sakemm l-Istat Membru ma jistabbilixxix li, fl-assenza ta' dan il-ksur, ir-riżultat tal-proċedura seta' jkun differenti [31].

111. F'dan ir-rigward, isegwi mill-ġurisprudenza li minkejja li l-partijiet interessati kollha huma mistiedna jippreżentaw l-osservazzjonijiet fil-mori tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, din il-proċedura ma twassalx għal dibattitu *inter partes* mal-lanjant, jew imqar mad-destinatarju tal-għajnuna. L-osservazzjonijiet irċevuti fil-mori tal-investigazzjoni formali jiġu ppreżentati biss lill-Istat Membru kkonċernat [32].

112. Iktar minn hekk, huwa biss l-Istat Membru kkonċernat li jista' jqajjem b'suċċess motiv rigward ksur tad-drittijiet tad-difiża tiegħu fi proċedura għal annullament quddiem il-qrati tal-Unjoni [33].

113. F'dan ir-rigward, nixtieq nindika li – anki fir-rigward tal-Istat Membru kkonċernat – il-Qorti tal-Ġustizzja toqgħod lura milli tagħmel riferiment għal dritt għal smigħ fl-istadju inizjali tal-investigazzjoni [34].

114. Fil-fatt, il-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni kkonfermat li fil-qasam tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat, it-terzi ma għandhomx id-drittijiet segwenti: id-dritt li jiġu informati li l-Kummissjoni qiegħda tinvestiga għajnuna fl-istadju preliminari [35], id-dritt li jiġu informati bil-fatti essenzjali qabel ma tiġi adottata deċiżjoni tal-ftuħ [36], id-dritt li jissottomettu

[29] Hemm iktar eżempji fejn l-approċċ tal-Qorti Ġenerali u sentenzi li annullaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni ġew iddiżapprovati mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell. Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-22 ta' Diċembru 2008, British Aggregates vs Il-Kummissjoni (C-487/06 P, EU:C:2008:757); tat-8 ta' Settembru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-279/08 P, EU:C:2011:551); tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Il-Gvern ta' Ġibiltà u Ir-Renju Unit (C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732); u tat-2 ta' Diċembru 2009, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda *et* (C-89/08 P, EU:C:2009:742).

[30] Sentenza tat-2 ta' April 1998, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France (C-367/95 P, EU:C:1998:154).

[31] Sentenza tal-14 ta' Frar 1990, Franza vs Il-Kummissjoni (C-301/87, EU:C:1990:67).

[32] Ara s-sentenza tat-2 ta' April 1998, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France (C-367/95 P, EU:C:1998:154, punt 59). Ara wkoll is-sentenza tat-8 ta' Lulju 2004, Technische Glaswerke Ilmenau vs Il-Kummissjoni (T-198/01, EU:T:2004:222, punti 193 sa 198).

[33] Sentenzi tal-10 ta' Lulju 1986, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (234/84, EU:C:1986:302, punt 30), u tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Il-Gvern tal-Ġibiltà u Ir-Renju Unit (C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732, punt 165).

[34] Sentenza tal-10 ta' Mejju 2005, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-400/99, EU:C:2005:275, punti 29 sa 35).

[35] Sentenza tal-11 ta' Marzu 2009, TFI vs Il-Kummissjoni (T-354/05, EU:T:2009:66).

[36] Sentenza tal-11 ta' Marzu 2009, TFI vs Il-Kummissjoni (T-354/05, EU:T:2009:66).

osservazzjonijiet fl-istadju preliminari[37], jew id-dritt ta' aċċess għall-proċess tal-Kummissjoni[38]. Barra minn hekk, it-terzi lanqas ma għandhom id-dritt jappellaw lill-uffiċjal tas-seduta dwar kwistjonijiet proċedurali, dritt sħiħ għal smigħ (apparti milli jissottomettu osservazzjonijiet dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ), jew dritt li jipparteċipaw fil-laqgħat bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat.

115. Bħalma l-Qorti tal-Ġustizzja fakkret fil-punti 80 sa 82 tas-sentenza tal-24 ta' Settembru 2002, Falck u Acciaierie di Bolzano vs Il-Kummissjoni (C-74/00 P u C-75/00 P, EU:C:2002:524; "is-sentenza f'Falck"), "fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu [108(2) TFUE], [il-]pubblikazzjoni ta' avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-[Unjoni] Ewropea* tikkostitwixxi mezz adegwat sabiex il-partijiet ikkonċernati kollha jsiru jafu bil-ftuħ ta' proċedura […] Din il-komunikazzjoni hija intiża sabiex tinkiseb, min-naħa ta' dawn tal-aħħar, l-informazzjoni kollha intiża sabiex il-Kummissjoni jkollha għarfien ċar fl-azzjoni futura tagħha […] Tali proċedura tagħti wkoll lill-Istati Membri l-oħra u lill-oqsma kkonċernati l-garanzija li jkunu jistgħu jinstemgħu […] Il-proċedura ta' investigazzjoni tal-għajnuna mill-Istati hija, fid-dawl tal-istruttura ġenerali tagħha, proċedura miftuħa fil-konfront tal-Istat Membru responsabbli, fid-dawl tal-obbligi tiegħu [tal-Unjoni], għall-għoti tal-għajnuna. Huwa għalhekk li, sabiex jiġu rrispettati d-drittijiet tad-difiża, sa fejn dan l-Istat Membru ma ġiex awtorizzat jikkummenta dwar ċerta informazzjoni, il-Kummissjoni ma tistax teħodha inkunsiderazzjoni fid-deċiżjoni tagħha kontra dan l-Istat […] Fil-proċedura ta' stħarriġ tal-għajnuna mill-Istat, il-partijiet interessati minbarra l-Istat Membru kkonċernat għandhom biss ir-rwol imfakkar fil-punt 80 ta' din is-sentenza u, f'dan ir-rigward, huma ma jistgħux jippretendu huma stess dibattitu kontradittorju mal-Kummissjoni, bħal dak miftuħ favur l-imsemmi Stat Membru".

116. Għaldaqstant, huwa neċessarju li jiġi kkunsidrat dan l-aggravju fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

117. Kif sejjer jintwera iktar 'il quddiem, il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali, fil-punti 70 u 71 tal-ewwel sentenza appellata u l-punti 66 sa 68 tat-tieni sentenza appellata, li d-drittijiet ta' parteċipazzjoni ta' terzi huma rekwiżiti proċedurali essenzjali fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE tinjora din il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tikkostitwixxi żball ta' liġi.

118. Barra minn hekk, approċċ bħal dan għandu jiġi miċħud ukoll peress li jwassal għal evalwazzjoni li hija f'kontradizzjoni fundamentali mad-drittijiet tad-difiża tal-Istat Membru kkonċernat vis-à-vis l-Kummissjoni u li paradossalment tipproteġi iktar id-drittijiet tal-partijiet interessati minn dawk ta' dan l-Istat Membru.

119. Fis-sentenza f'Ferriere Nord, il-Qorti tal-Ġustizzja ttrasponiet il-ġurisprudenza dwar id-drittijiet tad-difiża għad-dritt ta' involviment fil-proċedura amministrattiva. Għaldaqstant, ksur ta' dan id-dritt ma jistax iwassal għall-annullament ta' deċiżjoni finali tal-Kummissjoni sakemm – fl-assenza ta' dan il-ksur – il-proċedura setgħet twassal għal riżultat differenti.

[37] Sentenza tal-11 ta' Marzu 2009, TFI vs Il-Kummissjoni (T-354/05, EU:T:2009:66).

[38] Sentenza tad-29 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Technische Glaswerke Ilmenau (C-139/07 P, EU:C:2010:376).

120. Fil-punt 70 tal-ewwel sentenza appellata u l-punt 67 tat-tieni sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali bbażat ir-raġunament tagħha fuq il-punt 55 tas-sentenza fi Freistaat Sachsen [39]. Madankollu, hija għamlet dan billi eliminat il-punt 56 ta' dik is-sentenza, li espressament jikkonferma s-sentenza f'Ferriere Nord [40].

121. Naqbel mal-Kummissjoni li l-kontradizzjoni apparenti bejn is-sentenzi fil-kawżi Ferriere Nord u Freistaat Sachsen tisparixxi malli nirrikonoxxu li huwa biss l-*obbligu li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali* li jikkostitwixxi rekwiżit proċedurali essenzjali. Fi kliem ieħor, il-Kummissjoni ma tistax tadotta deċiżjoni li tagħlaq il-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 659/1999 fejn hija ma tkunx preċedentement fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali permezz tal-adozzjoni ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 4(4) u l-Artikolu 6(1) ta' dan ir-regolament.

122. Hija l-assenza tal-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-ftuħ, li tikkostitwixxi ksur ta' rekwiżit proċedurali essenzjali.

123. Fil-fatt, b'mod parallel għal dan, bħala regola ġenerali, ir-rekwiżiti proċedurali essenzjali jesprimu regola istituzzjonali fundamentali [41]. Dan huwa konsistenti mal-imsemmi rekwiżit fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-Kummissjoni għandha tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali u tadotta deċiżjoni tal-ftuħ, li b'mod ġustifikabbli tikkostitwixxi rekwiżit proċedurali essenzjali.

124. B'kuntrast, il-possibbiltà ta' assenza ta' kwistjoni rilevanti ta' fatt jew ta' liġi fil-proċedura tal-ftuħ – bħalma hija l-assenza fid-deċiżjoni tal-ftuħ ta' riferiment espliċitu għal wieħed mis-sorsi ta' finanzjament tal-miżura ta' għajnuna – ma tirriflettix regola istituzzjonali fundamentali u tikkostitwixxi, minflok, ksur "inqas": jiġifieri, ksur tad-drittijiet ta' terzi li jkunu involuti fil-proċedura amministrattiva peress li assenza bħal din tipprekludihom milli jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar dan l-element.

125. Dan il-ksur ma jistax iwassal għall-annullament awtomatiku tad-deċiżjoni finali. Din tista' tiġi annullata biss meta l-partijiet interessati jkunu jistgħu jistabbilixxu li l-informazzjoni li jkunu kkomunikaw dwar dan l-element x'aktarx tibdel il-kontenut tad-deċiżjoni tal-għeluq tal-proċedura ta' investigazzjoni formali.

126. F'dan ir-rigward, jista' jiġi indikat li s-sentenza tat-8 ta' Settembru 2016, Goldfish *et* vs Il-Kummissjoni (T-54/14, EU:T:2016:455), iċċitata fil-punt 70 tal-ewwel sentenza appellata u l-punt 67 tat-tieni sentenza appellata, ma tikkorroborax l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali. Tabilħaqq, dik is-sentenza ssostni minflok l-interpretazzjoni tiegħi tas-sentenza fi Freistaat Sachsen. Fil-punt 47 tas-sentenza f'Goldfish *et* vs Il-Kummissjoni, punt 47, il-Qorti Ġenerali kkaratterizzat bħala inammissibbli "provi miġbura bi ksur totali tal-proċedura prevista għall-produzzjoni tal-provi u li hija intiża sabiex tipproteġi d-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati" (enfasi miżjuda minni).

[39] "[M]ill-Artikolu 88(2) KE kif ukoll mill-Artikolu 1(h) tar-Regolament Nru 659/1999 jirriżulta li, meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali dwar proġett ta' għajnuna, hija għandha tagħti l-possibbiltà, lill-partijiet interessati, fosthom l-impriża jew l-impriżi kkonċernati, li jissottomettu l-kummenti tagħhom. Din ir-regola għandha n-natura ta' formalità proċedurali sostanzjali."

[40] "Minn dan jirriżulta li, meta s-sistema legali li taħtha l-Istat Membru wettaq notifika ta' proġett ta' għajnuna tinbidel qabel ma l-Kummissjoni tieħu d-deċiżjoni tagħha, din tal-aħħar għandha, sabiex tiddeċiedi, kif għandha l-obbligu li tagħmel, abbażi tar-regoli ġodda, titlob lill-partijiet interessati li jieħdu pożizzjoni dwar il-kompatibbiltà ta' din l-għajnuna ma' dawn tal-aħħar. Dan japplika mod ieħor meta s-sistema legali ġdida ma jkollhiex emenda sostanzjali meta mqabbla ma' dik li kienet fis-seħħ qabel (ara, f'dan is-sens, [is-]sentenza [f'] Ferriere Nord […], punti 68 sa 71)."

[41] Lenaerts, K., Maselis, I. u Gutman, K., *EU Procedural Law*, OUP, 2014, p. 371.

127. Id-differenza bejn rekwiżit proċedurali essenzjali u dritt suġġettiv (bħalma *in casu* d-drittijiet tal-partijiet interessati li jipparteċipaw fil-proċedura amministrattiva fil-qasam tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat) ġiet miġbura fil-qosor b'mod xieraq mill-Avukat Ġenerali Fennelly f'Il-Kummissjoni vs ICI [42]: "Filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja ppruvat tevita definizzjonijiet astratti tat-terminu ta' rekwiżit proċedurali essenzjali, jidhirli mill-ġurisprudenza li dan il-kunċett huwa rriżervat għal rekwiżiti proċedurali li huma intrinsikament marbuta mal-formazzjoni u mal-espressjoni tar-rieda tal-awtorità li tadottahom, u li, kif huwa ċar fl-Artikolu [263 TFUE], kwalunkwe ksur ta' tali rekwiżit neċessarjament jiġġustifika l-annullament tal-miżura sħiħa. Peress li l-ksur jikkonċerna l-miżura fit-totalità tagħha, la huwa neċessarju, u lanqas f'ħafna każijiet ma huwa possibbli, għall-parti li tinvokah li turi effett dannuż partikolari fuq id-drittijiet jew l-interessi suġġettivi tagħha; il-ksur jikkostitwixxi nuqqas ta' rispett għal regola tant fundamentali li taffettwa l-adozzjoni jew il-forma tal-miżura li ma jistax jiġi kkunsidrat li huwa l-att validu u awtentiku tal-istituzzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

128. Sabiex jiġi enfasizzat għalfejn il-ksur tad-drittijiet tal-partijiet interessati li jipparteċipaw fil-proċedura ta' għajnuna mill-Istat ma huwiex rekwiżit proċedurali essenzjali, huwa utli li jiġu ċċitati eżempji ta' dak li l-Qrati tal-Unjoni jikklassifikaw bħala rekwiżit proċedurali essenzjali: il-konsultazzjoni tal-Istati Membri prevista qabel l-introduzzjoni ta' dazju antidumping definittiv jew deċiżjoni dwar suġġett fid-dritt tal-kompetizzjoni [43]. L-assenza totali ta' tali konsultazzjoni awtomatikament tirriżulta fl-annullament tar-regolament antidumping. Żball sostantiv jew dewmien fil-konsultazzjoni jirriżultaw f'annullament biss jekk ir-riżultat tal-konsultazzjoni seta' jiġi affettwat minnhom.

129. Bħala riżultat, nistgħu naraw paralleliżmu mad-deċiżjoni tal-ftuħ: assenza totali ta' dan awtomatikament iwassal għall-annullament tad-deċiżjoni finali, – filwaqt li lakuna sostantiva fid-deċiżjoni tal-ftuħ ma twassalx għal dan ir-riżultat, sakemm ma jistax jintwera li din taffettwa l-eżitu tal-investigazzjoni tal-għajnuna mill-Istat.

2) Is-sentenza fi Gdynia sadanittant diġà ċaħdet l-attentati tal-Qorti Ġenerali li tittrasforma ksur tad-drittijiet ta' partijiet interessati f'rekwiżit proċedurali essenzjali

130. Fis-sentenza fi Gdynia, b'mod partikolari, il-punti 78 sa 82 tagħha [44], il-Qorti tal-Ġustizzja enfatikament ċaħdet l-approċċ tal-Qorti Ġenerali u kkonfermat li d-drittijiet ta' terzi li jkunu involuti fil-proċedura amministrattiva skont l-Artikolu 108(2) TFUE ma jikkostitwixxux rekwiżiti proċedurali essenzjali fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE.

131. F'dak l-appell, il-Kummissjoni sostniet, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali kienet applikat b'mod żbaljat id-dritt mogħti lil partijiet interessati permezz tal-Artikolu 108(2) TFUE li jippreżentaw l-osservazzjonijiet – b'mod kuntrarju għas-sentenza f'Ferriere Nord – fejn il-Qorti

[42] Konklużjonijiet f'Il-Kummissjoni vs ICI (C-286/95 P u C-287/95 P, EU:C:1999:578, punt 22).

[43] Dan diġà ġie kkunsidrat mill-Qorti Ġenerali; ara s-sentenzi tat-22 ta' Mejju 2014, Guangdong Kito Ceramics *et* vs Il-Kunsill (T-633/11, mhux ippubblikata, EU:T:2014:271, punt 86 u l-ġurisprudenza ċċitata) (inkluża l-ġurisprudenza fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni); tat-13 ta' Settembru 2010, Whirlpool Europe vs Il-Kunsill (T-314/06, EU:T:2010:390, punti 91 sa 96 u l-ġurisprudenza ċċitata) (inkluża dik fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni); tal-11 ta' Settembru 2014, Gold East Paper u Gold Huasheng Paper vs Il-Kunsill (T-443/11, EU:T:2014:774, punti 95 sa 101); tas-17 ta' Frar 2011, Zhejiang Xinshiji Foods u Hubei Xinshiji Foods vs Il-Kunsill (T-122/09, mhux ippubblikata, EU:T:2011:46, punti 100 sa 112); u tat-30 ta' April 2015, VTZ *et* vs Il-Kunsill (T-432/12, mhux ippubblikata, EU:T:2015:248, punti 176 sa 185 u 212 sa 217).

[44] Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi f'Il-Kummissjoni vs Gmina Miasto Gdynia u Port Lotniczy Gdynia Kosakowo (C-56/18 P, EU:C:2019:569).

Ġenerali kienet ikklassifikat dan id-dritt b'mod żbaljat, fiċ-ċirkustanzi ta' dik il-kawża, bħala rekwiżit proċedurali essenzjali, li n-nuqqas ta' osservanza tiegħu awtomatikament jirriżulta fl-annullament tad-deċiżjoni inkwistjoni.

132. Għandu jiġi indikat li Gdynia u PLGK u r-Repubblika tal-Polonja sostnew, essenzjalment, li l-Kummissjoni kienet qiegħda timminimizza l-importanza tad-dritt tal-partijiet interessati li jippreżentaw l-osservazzjonijiet. Huma sostnew li l-argument tal-Kummissjoni li jinvoka ġurisprudenza li skontha r-rwol tal-partijiet interessati fi proċedura ta' investigazzjoni formali qiegħed biss sabiex iservi bħala sors ta' informazzjoni għall-Kummissjoni jmur "kontra l-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, peress li s-sentenzi ċċitati mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward ingħataw qabel id-dħul fis-seħħ tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ('il-Karta')". Dawn il-partijiet sostnew li d-dritt tal-partijiet interessati li jingħataw l-opportunità sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni f'dik il-kawża issa għandu jiġi evalwat fid-dawl tad-drittijiet fundamentali protetti mill-Karta u, b'mod partikolari, fid-dawl tad-dritt għal amministrazzjoni tajba previst mill-Artikolu 41 tal-Karta, li huwa wieħed mill-komponenti tiegħu. Għalhekk, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni d-dritt għal smigħ tal-partijiet interessati qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni.

133. Il-linja tal-argument ta' Gdynia u PLGK u r-Repubblika tal-Polonja iktar 'il fuq tissuġġerixxi li d-drittijiet ta' terzi li jkunu involuti fil-proċedura amministrattiva skont l-Artikolu 108(2) TFUE jikkostitwixxu rekwiżiti proċedurali essenzjali u dan huwa, essenzjalment, dak li l-Qorti Ġenerali fittxet fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Novembru 2017, Gmina Miasto Gdynia u Port Lotniczy Gdynia Kosakowo vs Il-Kummissjoni (T-263/15, EU:T:2017:820), u dak li qiegħda tfittex li tikseb fis-sentenzi appellati.

134. Madankollu, nemmen li din id-diskussjoni f'din il-kawża hija mingħajr skop, peress li s-sentenza fi Gdynia ċaħdet b'mod ċar approċċ bħal dan.

135. L-ewwel, fil-punt 70 tas-sentenza fi Gdynia, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li skont il-ġurisprudenza "l-impriżi potenzjalment benefiċjarji tal-għajnuna mill-Istat jitqiesu bħala partijiet interessati u […] l-Kummissjoni għandha l-obbligu, matul il-fażi tal-eżami msemmija fl-Artikolu 108(2) TFUE, li tistedinhom jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom".

136. Imbagħad, fil-punt 71 ta' dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li "[g]ħalkemm dawn il-partijiet ikkonċernati ma jistgħux jinvokaw id-drittijiet tad-difiża, huma għandhom, min-naħa l-oħra, id-dritt li jiġu assoċjati mal-proċedura amministrattiva segwita mill-Kummissjoni b'mod adegwat fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni".

137. L-approċċ tiegħi f'dawn il-konklużjonijiet huwa kkonfermat ukoll mill-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha fil-punti li sejjer niċċita hawn taħt (jiġifieri, punti 72 sa 75 tas-sentenza fi Gdynia) fuq is-sentenza f'Falck (punti 80 sa 83)[45], sabiex b'mod ċar tiġi enfasizzata d-differenza bejn id-drittijiet (tad-difiża) tal-Istat Membru kkonċernat li *jipparteċipa (direttament)* fil-proċedura amministrattiva u d-drittijiet ta' terzi li *jkunu involuti (indirettament)* fil-proċedura amministrattiva.

138. Fil-punt 72 tas-sentenza fi Gdynia, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar essenzjalment li l-partijiet ikkonċernati (biss) għandhom dawn id-drittijiet sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiġi informata b'mod xieraq.

[45] Niċċita l-punti rilevanti tas-sentenza f'Falck fil-punt 115 ta' dawn il-konklużjonijiet.

139. Fil-punt 73, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li l-proċedura għall-istħarriġ tal-għajnuna mill-Istat hija, fid-dawl tal-iskema ġenerali tagħha, proċedura mibdija fir-rigward tal-Istat Membru kkonċernat.

140. Peress li, kif tenfasizza l-Qorti tal-Ġustizzja – b'invokazzjoni għal darba oħra tas-sentenza f'Falck[46] – fil-punt 74 tas-sentenza fi Gdynia, li "[]l-partijiet interessati minbarra l-Istat Membru kkonċernat għandhom biss ir-rwol imfakkar fil-punt 72 ta' din is-sentenza u, f'dan ir-rigward, *huma ma jistgħux jippretendu huma stess dibattitu kontradittorju mal-Kummissjoni, bħal dak miftuħ favur l-imsemmi Stat Membru*" (enfasi miżjuda minni).

141. Fil-punt 75 tas-sentenza fi Gdynia, il-Qorti tal-Ġustizzja żżid li "[e]bda dispożizzjoni tal-proċedura ta' stħarriġ tal-għajnuna mill-Istat ma tirriżerva, fost il-partijiet interessati, rwol partikolari għall-benefiċjarju ta' tali għajnuna", anki minħabba li din il-proċedura ma hijiex proċedura li tinfetaħ kontra l-benefiċjarju tal-għajnuna li timplika li dan tal-aħħar jista' jinvoka drittijiet daqstant estiżi bħad-drittijiet tad-difiża fihom innifishom.

142. Fil-kawża li rriżultat fis-sentenza fi Gdynia, il-partijiet interessati ma ġewx mistiedna jippreżentaw l-osservazzjonijiet dwar l-applikabbiltà u l-impatt potenzjali tal-linji gwida tal-Kummissjoni tal-2014[47] qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, anki jekk dawn il-linji gwida ġew ippubblikati wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-ftuħ u għalhekk wara l-għeluq tal-proċedura ta' investigazzjoni inizjali. Għalhekk qamet il-kwistjoni dwar jekk il-Qorti Ġenerali tistax tiddeċiedi f'dik il-kawża li d-drittijiet tal-partijiet interessati li jippreżentaw l-osservazzjonijiet dwar il-qafas ġuridiku ġdid (b'mod partikolari, il-Linji Gwida tal-2014), qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, jikkostitwixxu rekwiżit proċedurali essenzjali, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE – li l-ksur tiegħu jikkawża l-annullament ta' din id-deċiżjoni, mingħajr ma jkun neċessarju li jiġi stabbilit li l-proċedura amministrattiva setgħet twassal għal riżultat differenti.

143. Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi li r-risposta hija negattiva.

144. Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-istedina lil partijiet interessati sabiex jippreżentaw osservazzjonijiet dwar ċirkustanzi li ma ssemmewx fid-deċiżjoni tal-ftuħ, bħall-adozzjoni ta' regoli ta' evalwazzjoni ġodda wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-ftuħ skont l-Artikolu 108(2) TFUE ma tikkostitwixxix rekwiżit proċedurali essenzjali iżda *irregolarità proċedurali* – li għalhekk ma kinitx awtomatikament twassal għall-annullament tad-deċiżjoni finali (punti 78 sa 82 ta' dik is-sentenza).

145. B'mod partikolari, fil-punt 78, il-Qorti tal-Ġustizzja tispjega li għandu jiġi eżaminat jekk il-Qorti Ġenerali kinitx intitolata li tikkonstata li d-dritt tal-partijiet interessati f'dik il-kawża li jissottomettu osservazzjonijiet dwar is-sistema ġuridika l-ġdida qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża *kien jikkostitwixxi rekwiżit proċedurali essenzjali* fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE.

146. Fil-punt segwenti (punt 79 tas-sentenza fi Gdynia), il-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel riferiment għas-sentenza f'Ferriere Nord u tiddikjara li "il-Kummissjoni ma tistax, mingħajr ma tikser id-drittijiet proċedurali tal-partijiet interessati, tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq prinċipji ġodda, introdotti minn sistema legali ġdida, mingħajr ma tistieden lil dawn tal-aħħar jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward".

[46] Niċċita l-punti rilevanti tas-sentenza f'Falck fil-punt 115 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[47] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru" (ĠU 2014, C 99, p. 3; il-"Linji Gwida tal-2014").

147. Madankollu, "tali *irregolarità proċedurali* twassal għall-annullament totali jew parzjali ta' deċiżjoni biss jekk jiġi stabbilit li fl-assenza ta' din l-irregolarità d-deċiżjoni kkontestata seta' jkollha kontenut differenti"[48]. Il-Qorti tal-Ġustizzja hawn tiċċita s-sentenza tat-23 ta' April 1986, Bernardi vs Il-Parlament (150/84, EU:C:1986:167).

148. B'mod iktar speċifiku, fil-punt 81, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li "fir-rigward tad-drittijiet proċedurali tal-partijiet interessati, meta jkun hemm bidla fis-sistema legali wara li l-Kummissjoni tkun poġġiet lill-partijiet interessati f'pożizzjoni li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom u qabel l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' deċiżjoni dwar proġett ta' għajnuna u meta l-Kummissjoni tibbaża din id-deċiżjoni fuq is-sistema legali l-ġdida mingħajr ma tistieden lil dawn il-partijiet jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuqha, is-sempliċi eżistenza ta' differenzi bejn is-sistema legali li fuqha l-imsemmija partijiet tqiegħdu f'pożizzjoni li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom u dik li fuqha hija bbażata l-imsemmija deċiżjoni ma tistax twassal, bħala tali, għall-annullament tal-istess deċiżjoni. Fil-fatt, minkejja li s-sistemi legali inkwistjoni nbidlu, tqum il-kwistjoni dwar jekk, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' dawn is-sistemi li huma rilevanti għall-każ ineżami, l-imsemmija bidla setgħetx tbiddel is-sens tad-deċiżjoni kkontestata".

149. Għaldaqstant, fil-punt 82 tas-sentenza fi Gdynia, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Qorti Ġenerali "wettqet żball ta' liġi, fil-punt 81 tas-sentenza appellata, meta ddeċidiet li d-dritt tal-partijiet ikkonċernati li jippreżentaw osservazzjonijiet f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni f'din il-kawża għandu n-natura ta' forma proċedurali sostanzjali, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, li l-ksur tagħha jwassal għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, mingħajr ma jkun neċessarju li jiġi stabbilit li l-ksur ta' dan id-dritt seta' jaffettwa s-sens ta' din id-deċiżjoni."

150. Imbagħad, fil-punt 86 ta' dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "l-Qorti Ġenerali la setgħet, mingħajr ma tikser il-ġurisprudenza dwar id-drittijiet proċedurali tal-partijiet interessati kif esposta fil-punti 70 sa 75 kif ukoll 79 u 81 [tas-sentenza fi Gdynia], tikkonstata li ma huwiex neċessarju li jiġi eżaminat l-effett fuq id-deċiżjoni kkontestata tal-assenza ta' stedina tal-partijiet ikkonċernati sabiex jesprimu ruħhom fuq il-Linji Gwida tal-2014 qabel l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, u lanqas ma setgħet tikkonstata tali effett mingħajr ma teżamina l-argument tal-Kummissjoni intiż sabiex juri l-eżistenza ta' bażi legali awtonoma u indipendenti li fuqha hija bbażata l-imsemmija deċiżjoni".

151. Għandu jiġi indikat li fil-punti 87 u 88 tas-sentenza fi Gdynia, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel riferiment għas-sentenza fi Freistaat Sachsen (punt 55) biss bħala reazzjoni għall-argumenti tal-konvenuti u tagħmel id-dikjarazzjoni preċedenti tagħha li d-drittijiet tal-partijiet interessati li jissottomettu kummenti f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni f'dik il-kawża ma jikkostitwixxux rekwiżit proċedurali essenzjali.

152. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex qiegħda tibbaża r-raġunament tagħha f'dan ir-rigward fuq il-kontenut tad-deċiżjoni tal-ftuħ, iżda fuq l-obbligu tal-Kummissjoni "meta […] tiddeċiedi li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward ta' proġett ta' għajnuna, [li] tqiegħed lill-partijiet ikkonċernati, fosthom lill-impriża [kkonċernata], f'pożizzjoni li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom" (punt 87 tas-sentenza fi Gdynia).

153. Bħalma indikat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 88, l-ewwel, is-sentenza fi Freistaat Sachsen, "tikkonċerna l-obbligi li jkollha l-Kummissjoni fid-data tal-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali. Min-naħa l-oħra, hija tqajjem il-kwistjoni tal-applikazzjoni ta' regoli legali ġodda adottati

[48] Enfasi miżjuda minni, punt 80 tas-sentenza fi Gdynia.

wara n-notifika ta' proġett ta' għajnuna. Dawn huma għalhekk kwistjonijiet distinti minn dawk imqajma fil-kuntest ta' dan l-appell, peress li d-dritt li jitqiegħdu f'pożizzjoni li jippreżentaw osservazzjonijiet li jibbażaw ruħhom fuqhom il-komun ta' Gdynia u l-kumpannija PLGK hu dwar bidla fis-sistema legali li seħħet wara li l-imsemmija partijiet ġew mistiedna jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom u qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni".

154. Isegwi li r-rekwiżit proċedurali essenzjali tal-Artikolu 108(2) TFUE vis-à-vis l-partijiet interessati jinsab esklużivament fl-istedina indirizzata lil partijiet interessati sabiex tippermettilhom jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom malajr wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-ftuħ.

3) Argument għall-finijiet ta' kompletezza rigward is-sentenza fi Freistaat Sachsen

155. Kif huwa normali għall-konklużjonijiet ta' Avukat Ġenerali, sejjer nikkunsidra – għall-finijiet ta' kompletezza – jekk il-konklużjoni tiegħi għandhiex tkun differenti jekk wieħed kellu jikkunsidra, għall-argument (*quod non*), li l-Qorti Ġenerali (fil-punt 70 tal-ewwel sentenza appellata u l-punt 67 tat-tieni sentenza appellata) kienet korretta meta invokat is-sentenza fi Freistaat Sachsen (punt 55) li tgħid li "l-obbligu tal-Kummissjoni li tagħmilha possibbli għall-partijiet interessati, fl-istadju tad-deċiżjoni ta' ftuħ, li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom għandu n-natura ta' formalità essenzjali […], li l-ksur tagħha twassal għal konsegwenzi, bħall-annullament tal-att ivvizzjat, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk dan il-ksur jkunx ikkawża dannu għal dak li jinvokah jew jekk il-proċedura amministrattiva setgħetx twassal għal riżultat differenti".

156. Il-konklużjoni tiegħi tibqa' valida anki f'dan ix-xenarju: fil-fatt, il-konsegwenza loġika ta' dik il-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali hija li s-sentenza fi Gdynia mbagħad tannulla s-sentenza fi Freistaat Sachsen (jew anki tikkorreġiha).

157. Fil-fatt, minflok ma eżaminat jekk, f'dik il-kawża, tali rekwiżit proċedurali essenzjali nkisirx jew le (fis-sentenza Gdynia, punt 78), kif rajna fl-analiżi tiegħi iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha fuq is-sentenza Bernardi vs Il-Parlament (150/84, EU:C:1986:167, punt 28) sabiex tevalwa "jekk il-Qorti Ġenerali setgħetx ġustament tikkonstata […] li d-dritt tal-partijiet interessati f'dan il-każ li jippreżentaw osservazzjonijiet dwar din is-sistema legali ġdida u, b'mod partikolari, dwar il-Linji Gwida tal-2014, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, jikkostitwixxi forma proċedurali sostanzjali, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, li l-ksur tagħha jwassal għall-annullament ta' din id-deċiżjoni, mingħajr ma jkun neċessarju li jiġi stabbilit li l-proċedura amministrattiva setgħet twassal għal riżultat differenti".

158. Isegwi li, fil-punti 70 u 71 tal-ewwel sentenza appellata u l-punti 66 sa 68 ta-tieni sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ddeċidiet li "l-obbligu tal-Kummissjoni li tagħmilha possibbli għall-partijiet interessati, fl-istadju tad-deċiżjoni ta' ftuħ, li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom għandu n-natura ta' formalità essenzjali".

159. Dan minħabba li dan in-nuqqas ta' osservanza tad-drittijiet tal-partijiet interessati li jipparteċipaw fil-proċedura amministrattiva – bħall-assenza li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom – ma jikkostitwixxix ksur ta' rekwiżit proċedurali essenzjali, li awtomatikament iwassal għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża.

160. Naqbel mal-Kummissjoni li anki jekk din il-kawża ma hijiex relatata ma' osservazzjonijiet ta' partijiet interessati *dwar ir-regoli ġuridiċi (bħal linji gwida tal-Kummissjoni* dwar investigazzjonijiet dwar għajnuna mill-Istat, kif kien il-każ fis-sentenza fi Gdynia), iżda tikkonċerna pjuttost l-osservazzjonijiet tagħhom *dwar element fattwali* (jiġifieri, it-tieni metodu ta' finanzjament tas-sistema ta' għajnuna inkwistjoni f'din il-kawża: ir-riżorsi baġitarji tal-Land ta' Bayern), din id-differenza dwar is-*suġġett* tal-osservazzjonijiet nieqsa ma tostakolax l-applikazzjoni tas-sentenza fi Gdynia.

161. *Fiż-żewġ kawżi l-problema hija, fil-fatt, l-istess* – li partijiet interessati ma setgħux jgħarrfu l-fehma tagħhom dwar l-elementi rispettivi li jinsabu fid-deċiżjoni tal-ftuħ.

162. Id-differenza fil-*kawżi* tan-nuqqas ta' osservazzjonijiet tal-partijiet interessati f'dawn il-żewġ kawżi – jiġifieri n-nuqqas ta' riferiment fid-deċiżjoni tal-ftuħ jew l-adozzjoni ta' linji gwida ġodda tal-Kummissjoni wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-ftuħ – hija irrilevanti. Dak li jgħodd huwa li fiż-żewġ kawżi d-drittijiet tal-partijiet interessati li jipparteċipaw fil-proċedura amministrattiva ġew miksura.

163. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali stess enfasizzat fil-punt 71 tal-ewwel sentenza appellata li d-drittijiet tal-parteċipazzjoni fil-proċedura amministrattiva ġew miksura.

164. Għaldaqstant, isegwi mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti li t-tielet aggravju għandu jiġi milqugħ.

D. Ir-raba' aggravju, li jallega żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tad-dritt ta' persuni kkonċernati li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom

1. L-ammissibbiltà

165. Il-Land ta' Bayern u l-grupp ta' interess isostnu li r-raba' aggravju huwa inammissibbli. Huma jsostnu li fil-punti 72 u 75 tal-ewwel sentenza appellata l-Qorti Ġenerali kkonkludiet li kien hemm impatt tal-ksur tad-dritt tal-partijiet interessati li jippreżentaw l-osservazzjonijiet fuq l-eżitu tal-proċedura; dan sar fuq il-bażi ta' dikjarazzjoni li hija purament fattwali. Il-grupp ta' interess isostni li dan l-aggravju huwa inammissibbli peress li jikkonċerna l-evalwazzjoni tal-fatti mill-Qorti Ġenerali u jammonta għal repetizzjoni ta' motivi u argumenti diġà ppreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali.

166. L-ewwel, il-Land ta' Bayern ma jistax jikkritika lill-Kummissjoni talli allegatament tinvoka fatti ġodda, peress li l-Kummissjoni qiegħda tinvoka l-kontenut tad-deċiżjoni kontenzjuża, li hija att ġuridiku. It-tieni, huwa biżżejjed li jiġi indikat li dawn l-argumenti jistgħu jiġu miċħuda għall-istess raġunijiet bħal dawk fil-punti 28 sa 31 ta' dawn il-konklużjonijiet.

2. Il-mertu

a) Sommarju qasir tal-argumenti tal-partijiet

167. Il-Kummissjoni tilmenta li l-Qorti Ġenerali kkonstatat b'mod żbaljat, fil-punti 72 sa 75 tal-ewwel sentenza appellata u fil-punti 70 sa 72 tat-tieni sentenza appellata, li l-osservazzjonijiet tal-partijiet interessati dwar il-kwistjoni jekk il-finanzjament baġitarju jikkostitwixxix riżorsi

tal-Istat setgħu jbiddlu l-eżitu fuq il-konklużjoni tal-proċeduri. Il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali mhux biss kisret l-Artikolu 108(2) u (3) TFUE u l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 659/1999, iżda wkoll interpretat ħażin il-kunċett ta' riżorsi tal-Istat skont l-Artikolu 107(1) TFUE u l-kunċett ta' għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 108(1) TFUE. Finalment, il-Kummissjoni tilmenta dwar id-distorsjoni mill-Qorti Ġenerali tal-fatti stabbiliti fid-deċiżjoni kontenzjuża u n-nuqqas li teżamina l-eċċezzjonijiet tal-Kummissjoni.

168. L-ewwel, il-Kummissjoni tikkontesta l-konstatazzjoni, fil-punt 73 tal-ewwel sentenza appellata u l-punt 71 tat-tieni sentenza appellata, li l-Land ta' Bayern ma setax jagħti l-fehmiet tiegħu dwar il-kwistjoni jekk it-testijiet tal-kwalità tal-ħalib iffinanzjati permezz tad-dħul mit-taxxa ġenerali kinux testijiet li jmorru lil hinn mill-obbligu ġuridiku. Il-Kummissjoni ssostni li l-argumenti ta' dan il-Land ippreżentati fil-mori tal-investigazzjoni formali ma bidlux ir-riżultat ta' din il-proċedura, peress li l-finanzjament tat-testijiet supplimentari kien eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali naqset li teżamina l-eċċezzjonijiet tagħha: l-ewwel, li anki jekk l-argumenti tal-Land ta' Bayern fir-rigward tat-testijiet supplimentari kienu korretti, kien, fi kwalunkwe każ, stabbilit li dawn it-testijiet ġew magħmula skont il-MFG. Madankollu, id-deċiżjoni tal-ftuħ kienet tkopri t-testijiet kollha previsti minn dan ir-regolament u għalhekk dawn it-testijiet ukoll.

169. It-tieni, il-Kummissjoni tikkontesta l-konstatazzjoni fil-punt 74 tal-ewwel sentenza appellata li l-Land ta' Bayern ma setax jinstema' dwar il-kwistjoni jekk il-miżura inkwistjoni kinitx tikkostitwixxi għajnuna eżistenti. Il-Qorti Ġenerali naqset milli tirrispondi għall-eċċezzjonijiet tal-Kummissjoni.

170. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tindika li d-deċiżjoni tal-ftuħ, fil-premessi 140 sa 152, ippermettiet lill-partijiet interessati jieħdu pożizzjoni dwar il-preżenza ta' għajnuna eżistenti. Hija żżid li, kif isegwi mill-premessi 41 sa 56 tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Land ta' Bayern ippreżenta l-osservazzjonijiet iddettaljati tiegħu dwar dan il-punt.

171. Il-Land ta' Bayern u l-grupp ta' interess isostnu, essenzjalment, li dan l-aggravju huwa infondat peress li huwa bbażat fuq miżinterpretazzjoni tas-sentenzi appellati. Huma jsostnu li l-kwistjoni jekk ir-riżorsi baġitarji jikkostitwixxux riżorsi tal-Istat hija irrilevanti. Min-naħa l-oħra, dawn il-partijiet isostnu li l-kwistjoni jekk – mingħajr ksur tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni tal-partijiet interessati – il-proċedura kienx ikollha eżitu differenti hija irrilevanti wkoll. Il-grupp ta' interess isostni wkoll li l-Kummissjoni ma tistax tallega li t-testijiet supplimentari kienu koperti minn deċiżjoni separata tal-Kummissjoni.

b) Evalwazzjoni

172. Peress li t-tielet aggravju għandu jiġi milqugħ, huwa neċessarju li jiġi indirizzat ukoll ir-raba' aggravju.

173. Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk – fl-assenza tal-ksur tad-dritt tal-partijiet interessati li jkunu involuti fil-proċedura (jiġifieri, kieku l-partijiet interessati setgħu jippreżentaw osservazzjonijiet dwar it-tieni metodu tal-finanzjament tal-miżura ta' għajnuna) – il-proċedura setgħetx twassal għal eżitu differenti, kif huwa ssuġġerit mill-Qorti Ġenerali fis-sentenzi appellati.

1) L-approċċ fis-sentenzi appellati

174. Fl-ewwel lok, il-Land ta' Bayern u l-grupp ta' interess huma żbaljati meta jsostnu li f'dan il-kuntest huwa biżżejjed li wieħed jassumi li l-kummenti kollha li setgħu jissottomettu kien ikollhom l-impatt neċessarju.

175. Fil-fatt, is-sentenza f'Ferriere Nord (punt 83) tagħmilha ċara li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tivverifika jekk il-pożizzjoni hijiex "kapaċi tbiddel id-direzzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

176. Madankollu, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali fil-punti 73 sa 75 tal-ewwel sentenza appellata huwa esklużivament ibbażat fuq ipoteżijiet u deduzzjonijiet.

177. Kif sejjer jintwera iktar 'il quddiem, il-Qorti Ġenerali naqset li mqar tevalwa – aħseb u ara turi – li l-osservazzjonijiet tal-partijiet interessati dwar it-tieni sors ta' finanzjament tal-miżura ta' għajnuna inkwistjoni (jiġifieri, il-baġit tal-Land ta' Bayern) *setgħu jibdlu l-proċedura ta' investigazzjoni*.

178. Naqbel mal-Kummissjoni li l-Qorti Ġenerali kellha tipproċedi kif ġej: il-parti kkonċernata għandha tippreżentalha l-fatti li kienet sejra tippreżenta fil-proċedura amministrattiva, iżda nżammet milli tagħmel dan minħabba l-ksur tad-drittijiet tagħha ta' parteċipazzjoni – il-Qorti Ġenerali għandha tippreżumi li dawn il-fatti huma minnhom. Fuq din il-bażi, il-Qorti Ġenerali għandha teżamina jekk dawn il-fatti, jekk il-Kummissjoni vverifikat il-preċiżjoni tagħhom fil-mori tal-proċedura amministrattiva, kinux ikunu kapaċi li jibdlu l-evalwazzjoni ġuridika tal-kawża.

179. Madankollu, f'din il-kawża, il-Qorti Ġenerali kompletament eliminat it-tieni stadju ta' din l-analiżi. Dan l-istadju ma jikkonċernax il-konstatazzjoni ta' fatti, iżda l-evalwazzjoni tal-effetti ġuridiċi ta' dawn il-fatti, "anki kieku jkunu eżatti"[49].

180. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

181. Fl-applikazzjoni tal-approċċ tagħha għall-fatti ta' din il-kawża, il-Qorti Ġenerali tikkonkludi li, fl-assenza tan-nuqqas proċedurali kkonstatat (kieku r-rikorrent fl-ewwel istanza fil-fatt kellu opportunità matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-finanzjament mill-baġit ġenerali), ma jistax jiġi eskluż li l-proċedura setgħet twassal għal riżultat differenti.

182. Hija tibbaża din il-konklużjoni fuq żewġ argumenti. L-ewwel, il-Land ta' Bayern ma setax jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-kwistjoni jekk, bit-testijiet iffinanzjati permezz tal-finanzjament mir-riżorsi baġitarji tiegħu, dawn huma testijiet li jmorru lil hinn minn dak li huwa obbligatorju bil-liġi (punt 73 tal-ewwel sentenza appellata). It-tieni, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li l-Land ta' Bayern ma setax jinstema' dwar il-kwistjoni jekk il-kawża kinitx tqajjem il-kwistjoni ta' għajnuna eżistenti (punt 74 tagħha).

[49] Ara s-sentenzi tas-16 ta' Ġunju 2016, SKW Stahl-Metallurgie u SKW Stahl-Metallurgie Holding vs Il-Kummissjoni (C-154/14 P, EU:C:2016:445, punti 69 sa 76), u tal-11 ta' Jannar 2007, Technische Glaswerke Ilmenau vs Il-Kummissjoni (C-404/04 P, mhux ippubblikata, EU:C:2007:6, punti 131 sa 136).

183. Fir-rigward tal-ewwel argument (punt 73 tal-ewwel sentenza appellata), l-allegazzjoni tal-Land ta' Bayern, li skontha kienu miżuri oħra li kienu ffinanzjati permezz ta' dħul mit-taxxa ġenerali u mhux it-testijiet iffinanzjati permezz tat-taxxa fuq il-ħalib (jiġifieri, it-testijiet tal-kwalità tal-ħalib "li jmorru lil hinn minn dak li kien vinkolanti", li l-"għan" tagħhom kien "ieħor") hija infondata, anki minħabba li l-Kummissjoni ddikjarat li ġej fil-premessi 25 u 27 tad-deċiżjoni kontenzjuża: "Il-Ġermanja tgħid li dawn il-miżuri mhumiex għajnuna għar-raġunijiet li ġejjin: […] Partikolarment importanti huma testijiet oħrajn fuq il-ħalib mhux ipproċessat, li jmorru ferm lil hinn minn dak li huwa meħtieġ mill-MGV [50] […] Il-Kummissjoni tinnota li l-għajnuna finanzjarja mħallsa fir-rigward ta' dawn it-testijiet addizzjonali huma koperti minn Deċiżjoni separata".

184. Din il-konstatazzjoni ma ġietx ikkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali. Nikkunsidra li jsegwi li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fil-punt 73 tal-ewwel sentenza appellata. Dan japplika *mutatis mutandis* għall-punti 70 sa 72 tat-tieni sentenza appellata.

185. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' dritt anki meta interpretat b'mod żbaljat il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-konsegwenzi ta' ksur tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni fil-proċedura. Is-sempliċi fatt li *jitressaq argument* quddiem il-Qorti Ġenerali ma huwiex biżżejjed. Dak li huwa neċessarju huwa li l-Qorti Ġenerali mbagħad tipproċedi għal *evalwazzjoni ta' dan l-argument fil-mertu* sabiex tivverifika jekk huwiex *kapaċi jibdel* l-eżitu tal-proċedura amministrattiva [51].

186. Argument tal-Land ta' Bayern imressaq fil-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward ta' testijiet tal-kwalità tal-ħalib li jmorru lil hinn minn dak obbligat bil-liġi ma setax jibdel l-eżitu tal-proċedura, anki minħabba li l-Kummissjoni preċiżament eskludiet testijiet supplimentari bħal dawn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża.

187. Iktar minn hekk, il-Qorti Ġenerali naqset milli teżamina ż-żewġ argumenti mqajma quddiemha mill-Kummissjoni, fejn il-Kummissjoni fittxet li turi li l-argument dwar it-testijiet supplimentari kien fi kwalunkwe każ intrinsikament infondat.

188. Essenzjalment, il-Kummissjoni sostniet quddiem il-Qorti Ġenerali, l-ewwel, li anki jekk l-argument tal-Land ta' Bayern dwar dawn it-testijiet kien korrett (*quod non*), kien fi kwalunkwe każ stabbilit bejn il-partijiet li din hija kwistjoni ta' teħid ta' kampjuni skont l-MGV – jiġifieri, it-teħid ta' kampjuni li huwa rregolat mil-liġi. Bħala riżultat, it-testijiet kollha huma mwettqa skont il-MFG. Peress li d-deċiżjoni tal-ftuħ ikkonċernat t-testijiet kollha previsti mill-MGV, hija tkopri t-teħid ta' dawn il-kampjuni wkoll [52].

189. It-tieni, il-Kummissjoni sostniet li ma kienx "*a fortiori*" li l-ispejjeż ta' testijiet li "[allegatament] kienu jmorru lil hinn minn dak li kien obbligatorju" ma kinux normalment sostnuti mix-xerrejja tal-ħalib, kif ġie allegat mil-Land ta' Bayern quddiem il-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, bil-maqlub, dawn huma preċiżament l-ispejjeż li l-impriżi jsostnu meta volontarjament jieħdu miżuri, mingħajr ebda obbligazzjoni ġuridika u fl-interess tagħhom, li, normalment, għandhom isostnu huma stess [53].

[50] Milch-Güteverordnung (ir-Regolament dwar il-Kwalità tal-Ħalib) tad-9 ta' Lulju 1980 (BGBl. 1980 I, p. 878; iktar 'il quddiem l-"MGV").

[51] Għal illustrazzjoni ta' dan il-prinċipju, ara s-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2009, Foshan Shunde Yongjian Housewares & Hardware vs Il-Kunsill (C-141/08 P, EU:C:2009:598, punti 83 sa 104; "is-sentenza f'Foshan Shunde").

[52] Ara, iktar 'il quddiem, f'dan ir-rigward, il-punti 22 sa 24 u 35 tad-difiża fl-ewwel istanza u l-Anness tagħha A.35, p. 372, kif ukoll il-punti 19 sa 21 tal-kontroreplika.

[53] Ara l-punt 21 tal-kontroreplika fl-ewwel istanza.

190. Għaldaqstant, il-fatt li l-Qorti Ġenerali naqset milli teżamina dawn l-argumenti huwa minnu nnifsu żball ta' liġi [54].

191. Fir-rigward tat-tieni argument (il-punt 74 tal-ewwel sentenza appellata), dan ukoll ma jistax jirnexxi għar-raġunijiet li l-Kummissjoni sostniet quddiem il-Qorti Ġenerali, li madankollu tonqos li ssemmi – aħseb u ara tindirizza – dawn ir-raġunijiet fis-sentenzi appellati.

192. Dawn l-argumenti kienu li ġejjin: l-ewwel, id-deċiżjoni tal-ftuħ diġà ppermettiet lill-partijiet jagħmlu l-osservazzjonijiet dwar il-preżenza ta' "għajnuna eżistenti" fir-rigward tal-finanzjament permezz tad-dħul mit-taxxa ġenerali (premessi 140 sa 152 ta' din id-deċiżjoni).

193. It-tieni, fi kwalunkwe każ, jirriżulta diġà min-natura tal-iskema ta' għajnuna li din tingħata mill-ġdid kull sena jew kull sentejn [55]. Madankollu, l-Artikolu 1(b) tar-Regolament Nru 659/1999 jimmilita kontra l-kwalifikazzjoni bħala għajnuna eżistenti f'din il-kawża.

194. It-tielet, irrispettivament mill-verità tal-argument tal-Land ta' Bayern li t-tnaqqis fl-ispejjeż għall-imħaleb bħala dispożizzjoni tad-dħul mit-taxxa ġenerali "dejjem ġie pprattikat", li l-Kummissjoni tikkontesta, jibqa' l-fatt li dan ma jkunx kapaċi jistabbilixxi l-preżenza ta' għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 1(b). Fil-fatt, ma huwiex il-metodu tal-finanzjament ta' miżura li huwa determinanti f'dan ir-rigward, iżda l-miżura nnifisha. Madankollu, il-miżura tikkonsisti fl-għoti kull sena ta' sussidju mill-baġit annwali jew biannwali.

195. Ir-raba', il-Land ta' Bayern (b'differenza mil-Land ta' Baden-Württemberg, pereżempju) qatt ma sostna matul il-proċedura amministrattiva li kien hemm kwistjoni ta' għajnuna eżistenti.

196. Peress li dawn l-argumenti ġew imressqa quddiem il-Qorti Ġenerali u din naqset milli ssemmihom aħseb u ara tindirizzahom, il-punt 74 tal-ewwel sentenza appellata jikkostitwixxi żball ta' liġi [56].

2) Tqabbil tal-approċċ tas-sentenzi appellati mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fi Gdynia

197. L-approċċ korrett, li l-Qorti Ġenerali kellha ssegwi, huwa deskritt fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fi Gdynia.

198. F'dik is-sentenza, wara li kkonstatat li kien hemm irregolarità proċedurali, il-Qorti tal-Ġustizzja vverifikat jekk il-ksur tad-drittijiet proċedurali tal-partijiet interessati setax ikollu impatt fuq l-eżitu tal-proċedura ta' investigazzjoni.

199. Fuq il-bażi ta' *evalwazzjoni ddettaljata* (punti 83 sa 86 u 123 sa 160 tas-sentenza fi Gdynia), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet fuq il-bażi ta' motivazzjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża, li kien ikollha l-istess kontenut kieku l-partijiet interessati setgħu jippreżentaw osservazzjonijiet dwar il-Linji Gwida tal-2014.

[54] Ara s-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2013, Land Burgenland *et* vs Il-Kummissjoni (C-214/12 P, C-215/12 P u C-223/12 P, EU:C:2013:682, punti 110 sa 112).

[55] Ara, iktar 'il quddiem, f'dan ir-rigward, il-punti 6 u 36 sa 39 tad-difiża fl-ewwel istanza u l-punti 33, 34 u 50 sa 97 tal-kontroreplika.

[56] Ara s-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2013, Land Burgenland *et* vs Il-Kummissjoni (C-214/12 P, C-215/12 P u C-223/12 P, EU:C:2013:682, punti 110 sa 112).

200. Nikkunsidra (bħall-Kummissjoni) li wara li kkonstatat ksur tad-drittijiet tal-partijiet interessati li jippreżentaw osservazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tibbaża l-ipoteżi ta' eżitu differenti tal-proċedura ta' investigazzjoni, fl-assenza ta' dan il-ksur, fuq *preżunzjonijiet jew suppożizzjonijiet biss*.

201. Hija setgħet tagħmel dan biss fuq il-bażi ta' evalwazzjoni ddettaljata (bħal dik imwettqa mill-Qorti tal-Ġustizzja fi Gdynia) tal-motivazzjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża u analiżi tal-argumenti tal-partijiet opposti. Il-Qorti Ġenerali kellha teżamina l-argumenti kollha tal-Kummissjoni u huwa biss malli dawn jirriżultaw ineffettivi li setgħet tispjega għaliex fil-fehma tagħha kien possibbli eżitu differenti għall-proċedura ta' investigazzjoni, billi tibbaża ruħha fuq elementi fid-deċiżjoni kontenzjuża.

202. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali fil-punti 72 sa 75 tal-ewwel sentenza appellata u l-punti 70 sa 72 tat-tieni sentenza appellata, li skontu l-ksur tad-drittijiet tal-partijiet interessati li jippreżentaw osservazzjonijiet għandu jwassal għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, huwa vvizzjat minn żball ta' liġi.

203. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali sempliċement iddikjarat li *huwa possibbli* li, fl-assenza tal-irregolarità stabbilita f'dik is-sentenza, il-proċedura setgħet twassal għal konklużjoni differenti (punt 72 tal-ewwel sentenza appellata).

204. Madankollu, il-possibbiltà li jiġi eskluż eżitu differenti tal-proċedura ma hijiex biżżejjed sabiex jiġi ġġustifikat l-annullament ta' att tal-Unjoni.

205. Isegwi b'mod ċar mis-sentenza fi Gdynia li dak li huwa neċessarju hija *konstatazzjoni pożittiva* ta' konklużjoni differenti.

206. F'dan ir-rigward, nagħmel riferiment għall-punt 81 tas-sentenza fi Gdynia: "jekk, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' dawn is-sistemi li huma rilevanti għall-każ ineżami, l-imsemmija bidla setgħetx tbiddel is-sens tad-deċiżjoni kkontestat"; il-punt 95 tagħha: "l-iżbalji kkonstatati fil-punti 82 sa 86 [ta' dik is-sentenza] jistgħu jwasslu għall-annullament tas-sentenza appellata, sa fejn il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kkontestata, biss fil-każ fejn id-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida tal-2014 li bbażat ruħha fuqhom il-Kummissjoni f'din id-deċiżjoni effettivament ma setgħux ibiddlu s-sens tal-imsemmija deċiżjoni"; u l-punt 132: "[f]'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-punt 81 [ta' dik is-sentenza], f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni f'din il-kawża, il-qorti tal-Unjoni ma tistax tillimita ruħha li tidentifika emendi introdotti minn sistema legali ġdida sabiex tiġġustifika l-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapplikaha, iżda għandha, barra minn hekk, tivverifika jekk il-bidla tas-sistema legali setgħetx tinfluwenza din id-deċiżjoni".

207. Nixtieq inżid ukoll li, anki hawn, id-differenza bejn l-assenza ta' osservazzjonijiet dwar il-kriterji l-ġodda ta' kompatibbiltà (il-Linji Gwida ġodda tal-2014, bħal fis-sentenza fi Gdynia), minn naħa, u l-parti tal-finanzjament li bla dubju tikkostitwixxi element ta' riżorsi tal-Istat (bħal f'din il-kawża), min-naħa l-oħra, hija irrilevanti għall-applikazzjoni tal-kriterju ta' evalwazzjoni ġuridika msemmi iktar 'il fuq.

3) Fi kwalunkwe każ, anki l-ġurisprudenza ta' qabel is-sentenza fi Gdynia kienet ċara wkoll dwar l-approċċ korrett

208. F'Il-Kunsill vs Interpipe Niko Tube u Interpipe NTRP [57], parti fil-proċedura skopriet, ġurnata qabel l-adozzjoni ta' regolament, elementi użati biex isiru ċerti kalkoli. Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni, din il-parti kisbet annullament parzjali mill-Qorti Ġenerali tar-regolament inkwistjoni. Din il-parti inkwistjoni sostniet li annullament iktar wiesa' kien ikun possibbli fuq il-bażi ta' informazzjoni supplimentari, li kienet tippreżenta kieku ġiet informata b'dawn l-elementi iktar kmieni. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet dan l-argument, minħabba li r-rilevanza ġuridika tal-informazzjoni ġiet ikkonfermata mill-annullament parzjali tar-regolament.

209. F'SKW Stahl-Metallurgie u SKW Stahl-Metallurgie Holding vs Il-Kummissjoni [58], l-appellanti ma setgħux jieħdu pożizzjoni, minħabba ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħhom, dwar il-kwistjoni tal-influwenza tal-impriża Degussa fuq impriża oħra (SKW). Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-imputazzjoni ta' responsabbiltà għall-akkordju kienet ibbażata fuq diversi elementi u li bħala riżultat, il-kwistjoni ta' din l-influwenza, anki jekk dan l-argument kien minnu, kienet mingħajr impatt fuq id-deċiżjoni.

210. F'Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni [59], il-Kummissjoni naqset li tibgħat ċerti ittri mill-kompetituri tad-destinatarju tal-għajnuna lill-Istat Membru kkonċernat (il-Ġermanja), li sostna li d-drittijiet tad-difiża tiegħu ġew miksura u li għalhekk id-deċiżjoni kellha tiġi annullata. Il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk il-Gvern Ġermaniż – li kieku rċieva dawn l-osservazzjonijiet – kienx ikun kapaċi jressaq argumenti li kienu jwasslu lill-Kummissjoni sabiex tawtorizza l-miżura ta' għajnuna. Madankollu, il-Gvern Ġermaniż ma kienx kapaċi jindika xi element ta' fatt jew ta' liġi li kien iwassal lill-Kummissjoni sabiex tieħu deċiżjoni differenti. Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja kienet negattiva: il-projbizzjoni tal-għajnuna mill-Istat irriżultat minn linji gwida applikabbli u għalhekk Jadekost ibbenefikat mill-għajnuna għat-tħaddim li la setgħet tiġi awtorizzata skont dawn il-linji gwida u lanqas bħala kwistjoni ta' prinċipju.

211. Fis-sentenza f'Technische Glaswerke Ilmenau vs Il-Kummissjoni [60], il-Qorti tal-Ġustizzja pproċediet bl-istess mod. Hija eżaminat jekk l-argumenti li ma setgħux jiġu ppreżentati, minħabba l-ksur tad-drittijiet tad-difiża, anki jekk minnu, kinux ikunu kapaċi jwasslu għall-awtorizzazzjoni tal-miżura ta' għajnuna. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan ma kienx il-każ, peress li l-assenza ta' pjan ta' ristrutturazzjoni kienet, fi kwalunkwe każ, twassal għall-projbizzjoni.

212. F'Westdeutsche Landesbank [61], il-Gvern Ġermaniż sostna li d-dritt tiegħu li jinstema' ġie miksur peress li l-Kummissjoni rrifjutat li tagħti aċċess għal ċerti dokumenti. Wara li eżaminat il-kontenut tad-dokumenti, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li ma seħħ ebda ksur tad-drittijiet tad-difiża *inter alia* minħabba li d-dokumenti kienu, essenzjalment, żvilupp jew kjarifika ta' fehmiet espressi diġà.

[57] Sentenza tas-16 ta' Frar 2012 (C-191/09 P u C-200/09 P, EU:C:2012:78, punti 75 sa 88).

[58] Sentenza tas-16 ta' Ġunju 2016 (C-154/14 P, EU:C:2016:445, punti 69 sa 76).

[59] Sentenza tal-5 ta' Ottubru 2000 (C-288/96, EU:C:2000:537, punti 92 sa 106; "is-sentenza f'Jadekost").

[60] Sentenza tal-11 ta' Jannar 2007 (C-404/04 P, mhux ippubblikata, EU:C:2007:6, punti 131 sa 136).

[61] Sentenza tas-6 ta' Marzu 2003, Westdeutsche Landesbank Girozentrale u Land Nordrhein-Westfalen vs Il-Kummissjoni (T-228/99 u T-233/99, EU:T:2003:57).

213. Finalment, il-Land ta' Bayern u l-grupp ta' interess jinvokaw, b'mod partikolari, is-sentenza f'Foshan Shunde (punt 94), sabiex isostnu l-linja ta' argument tagħhom. Madankollu, dik is-sentenza ma tgħinx il-kawża tagħhom. Kif indikat il-Kummissjoni, fil-punt 81 ta' dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar ġurisprudenza stabbilita dwar il-possibbiltà ta' konklużjoni differenti tal-proċedura.

214. Il-fatt li t-test ma ġiex mibdul f'din il-ġurisprudenza huwa kkonfermat ukoll, pereżempju, minn sentenza iktar reċenti tal-10 ta' Settembru 2013, G. u R. (C-383/13 PPU, EU:C:2013:533, punt 40), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel riferiment għas-sentenza f'Foshan Shunde. Hawn il-Qorti tal-Ġustizzja tispjega t-test b'mod ċar: "sabiex tiġi kkonstatata tali illegalità, [huwa neċessarju li jiġi vverifikat] jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' fatt u ta' liġi speċifiċi tal-każ ineżami, il-proċedura amministrattiva inkwistjoni setax ikollha riżultat differenti li kieku [l-partijiet inkwistjoni] kellhom l-opportunità jressqu elementi ta' natura li jiġġustifikaw [li r-riżultat tal-proċedura għandu jkun differenti]".

215. Il-punt 94 tas-sentenza f'Foshan Shunde sempliċement jieħu inkunsiderazzjoni partikolarità tal-kawża, jiġifieri, li r-regoli antidumping (bħal dawk fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni) jipprevedu drittijiet tad-difiża veri għall-impriżi u, b'mod partikolari, djalogu mal-Kummissjoni, filwaqt li skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat id-drittijiet tal-partijiet interessati ta' parteċipazzjoni fil-proċedura b'mod ċar ma jinkludux djalogu bħal dan [62].

4) Konklużjoni fir-rigward tar-raba' aggravju.

216. Bl-istess mod kif l-għajnuna għat-tħaddim fis-sentenza f'Jadekost u l-għajnuna għar-ristrutturazzjoni mingħajr pjanta' ristrutturazzjoni fis-sentenza tal-11 ta' Jannar 2007, Technische Glaswerke Ilmenau vs Il-Kummissjoni (C-404/04 P, mhux ippubblikata, EU:C:2007:6) huma fi kwalunkwe każ ipprojbiti, ir-riżorsi baġitarji ġenerali, bħala regola ġenerali, x'aktarx li jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat skont l-Artikolu 107(1) TFUE.

217. Għaldaqstant, naqbel mal-Kummissjoni li l-approċċ tal-Qorti Ġenerali fis-sentenzi appellati għandu jiġi miċħud, peress li jistabbilixxi preċedent perikoluż – wieħed li jopponi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u jċaħħad l-effettività tal-filtru pprovdut mill-kriterju ta' riżultat potenzjalment differenti tal-proċedura amministrattiva.

218. Isegwi li r-raba' aggravju għandu jiġi milqugħ.

219. Peress li t-tielet u r-raba' aggravju għandhom jiġu milqugħin, is-sentenzi appellati għandhom jiġu annullati.

IV. Rinviju tal-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali

220. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-każ li tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, tista' jew hija stess tiddeċiedi definittivament il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tirrinvija l-kwistjoni quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċidiha.

[62] Ara s-sentenza f'Falck (punt 82), u s-sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Ġibiltà u Ir-Renju Unit (C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732, punt 181).

221. L-ewwel motiv fl-ewwel istanza jista' jiġi invokat mill-Qorti tal-Ġustizzja, peress li kien is-suġġett ta' skambji estensivi ta' argumenti bejn il-partijiet quddiem il-Qorti Ġenerali kif ukoll issa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Nikkunsidra li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiċħad dan il-motiv għar-raġunijiet tal-annullament tas-sentenzi appellati.

222. Fir-rigward tal-motivi l-oħra, madankollu, il-kawża għandha tintbagħat lura lill-Qorti Ġenerali, peress li għandhom bżonn jiġu diskussi u eżaminati fl-ewwel istanza.

V. Fuq l-ispejjeż

223. Peress li l-kawża għandha tintbagħat lura lill-Qorti Ġenerali, l-ispejjeż relatati ma' dawn il-proċeduri ta' appell għandhom jiġu rriżervati.

VI. Konklużjoni

224. Fid-dawl tal-preċedenti nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

1. Tiċħad l-ewwel żewġ aggravji;

2. Tannulla s-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Diċembru 2018, Freistaat Bayern vs Il-Kummissjoni Ewropea (T-683/15, EU:T:2018:916), u Interessengemeinschaft privater Milchverarbeiter Bayerns e.V. *et* vs Il-Kummissjoni Ewropea (T-722/15 sa T-724/15, mhux ippubblikata, EU:T:2018:920);

3. Tiċħad l-ewwel motiv fir-rikorsi għal annullament sa fejn dan l-ilment jallega ksur tad-drittijiet proċedurali tal-partijiet interessati f'dawn il-kawżi fuq il-bażi tal-fatt li dawn ma ngħatawx l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-finanzjament tal-għajnuna mill-baġit ġenerali;

4. Tibgħat il-kawża lura lill-Qorti Ġenerali għal kunsiderazzjoni tal-motivi li fadal fl-ewwel istanza;

5. L-ispejjeż huma rriżervati.